# KAPITOLU 10

## KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA

*Biex Jemenda u Jikkonsolida l-Liġijiet tal-Pulizija**

(10 ta' Ġunju, l854).

*Dan il-Kodiċi li oriġinarjament sar liġi bis-saħħa ta' l-Ordni fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar, 1854, ġie mbagħad emendat bl-Ordinanzi: I tal-1856, V tal-1858, X tal-1859, X tal-1867, III tal-1868, III tal-1872, VIII tal-l874, IV tal-1875, IV tal-1876, II u VII tal-1880, VI tal-1881, XIV tal-1885, V u VI tal-1886, XVIII tal-1888, VII tal-1889, II tal-1890, XVII tal-1893, II u VIII tal-1897, u XIII tal-1898, I u IX tal-1899, III, IV, IX, XI u XIII tal-1900, III, XII u XV tal-1904, VIII tal-1908, XI tal-1910; bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern: Nru. 64 tal-1910, Nru. 347 tal-1911 ; bl-Ordinanzi: II tal-1911, IV tal-1912, XIII tal-1913, II tal-1915, XIII tal-1918, XV tal-1919, I u XV tal-1920, XIII tal-1921; bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern: Nri 75 u 205 tal-1921, Nri. 161 u 257 tal-1922; bl-Atti: XIX tal-1926, XIII tal-1929; bl-Ordinanzi: VIII tal-1930, I, VII u XVI tal-1931, VIII u XIV tal-1932; bl-Atti: VII tal-1932, VI tal-1933; bl-Ordinanza: XI tal-1933; bl-Att: XXX1V tal-1933; bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern: Nri, 287 u 291 tal-1933; bl-Ordinanzi: XXIII u XXV tal-1934, XXV, XXVII u XXIX tal-1935; bin-Notifikazzjoni tal-Gvern: Nru. 247 tal-1935; bl-Ordinanzi: XI tal-1936, VI, XIII, XVI, XX, XXVI u XXXVII tal-1937, XII, XVII, XX u XXXIII tal-1938, XXI tal-1939; bin-Notifikazzjoni tal-Gvern: Nru. 218 tal-1939; bl-Ordinanza: XXXV tal-1940; bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern: Nru. 445 tal-1941, Nri. 329 u 646 tal-1942; bl-Ordinanza: VII tal-1942. Ġiet inkorporata wkoll l-Ordinanza: XIII tal-1888 kif emendata bl-Ordinanzi: VII tal-1939, XXX1V tal-1940 u III tal-1941.*

*Dan il-Kodiċi ġie sussegwentement emendat bl-Ordinanzi: XVIII tal-1943, XX tal-1944, VII tal-1945, VII1, XVI, XX, XXXIII u XXXIX tal-1946, I, XXX u XXXVI tal-1947; bil-Prok. IX tas-17.10.1947; bl-Atti: XXXVI, XL u XLIX tal-1948, VI u XL tal-1949, IV u X tal-1950, XXII tal-1952, X tal-1956, II, X u XX tal-1957, II tal-1958; bl-Ordinanzi ta' Emerġenza: XIV ta l-1958, I u VII tal-1959; bl-Ordinanzi: V tal-1960, III, XIII, XV u XXV tal-1962; bl-Avviżi Legali: 2 u 4 tal-1963; bl-Atti: IV u XVII tal-1963, III tal-1965; bl-Avviż Legali: 46 tal-1965; bl-Atti: XLII tal-1965, XI u XVI tal-1966, I, XII u XXXI tal-1967, II tal-1968, XIV, XXII u XXV tal-1969, IV, IX u XVI tal-1971, III u XXX tal-1972, XI u XXIII tal-1973, II, XXX, XXXIII, XLII u L tal-1974, XL, LIV u LV tal-1975; bl-Avviż Legali: 148 tal-1975; bl-Atti: XIII, XXII u XLII tal-1976, XI u XIII tal-1977; bl-Avviżi Legali: 105 u 139 tal-1977; bl-Atti: XXIII tal-1978, XVII tal-1980, XIV u XLIX tal-1981, VIII u IX tal-1982, XIII tal-1983, XV tal-1985, XIV u XLII tal-1986, X tal-1988, VIII tal-1990; bl-Avviż Legali 161 tal-1990; bl-Atti: V u XVII tal-1991, I tal-1992, XXVIII tal-1994, VI u XXIV tal-1995, XIX tal-1996, XXIII tal-2000, II, XXIV, XXV u XXVII tal-2001, u III u XXXI tal-2002; bl-Avviż Legali 181 tal-2006; bl-Att III tal-2006; bl-Avviż Legali 407 tal-2007; u bl-Att II u XV tal-2009.*

*Dan il-Kodiċi taħt it-Titolu ta' "Laws and Regulations of Police for the Island of Malta and its Dependencies" sar liġi bis-saħħa ta' l-Ordni fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar, 1854, promulgat f'Malta bil-Proklama Nru. I tal-10 ta' Marzu, 1854. It-Titolu ġie wara mibdul bl-Ordinanza Nru. III ta' l-1872 fit-Titolu "The Police Laws for the Island of Malta and its Dependencies."

TAQSIM TAL-KODICI


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| | Titolu fil-Qosor u Tifsir | 1 u 2 |
| Taqsima I. | Proġetti ta' Pjani Regulaturi ta' Bliet u Rħula* | |
| Taqsima II. | Fuq it-Toroq | 20-41 |
| Taqsima III. | Fuq il-Qrati | 42-47 |
| Taqsima IV. | Fuq il-Vetturi | 48-94 |
| Taqsima V. | Fuq il-Postijiet Abitati, id-Djar u Bini ieħor | 95-134 |
| Taqsima VI. | Fuq iċ-Ċimiterji u d-Dfin ta' Kadavri | 135-147 |
| Taqsima VII. | Fuq l-Akwedotti u Għejjun Pubbliċi | 148-151 |
| Taqsima VIII. | Fuq l-Annimali | 152-168 |
| Taqsima IX. | Fuq il-Lukandi u Alloġġi oħra | 169-180 |
| Taqsima X. | Fuq tal-Hwienet u Traffikanti oħra | 181-193 |
| Taqsima XI. | Fuq xi Snajja' | 194 |
| Taqsima XII. | Fuq il-Każini | 195 |
| Taqsima XIII. | Fuq il-Biljardi Pubbliċi | 196-200 |
| Taqsima XIV. | Fuq it-Teatri u d-Divertimenti Pubbliċi | 201-204 |
| Taqsima XV. | Fuq il-Kaċċaturi | 205-214 |
| Taqsima XVI. | Fuq ir-Ragħajja tal-Mogħoż u tan-Ngħaġ | 215-217 |
| Taqsima XVII. | Fuq il-*Porters* | 218-219 |
| Taqsima XVIII. | Fuq tal-Blakk | 222 |
| Taqsima XIX. | Fuq il-Pitkali u l-Bejjiegħa tal-Prodotti tal-Biedja | 223 |
| Taqsima XX. | Fuq l-Ibħra Territorjali, il-Portijiet u l-Mollijiet | 224-231 |
| Taqsima XXI. | Fuq il-Kaptani ta' Bastimenti | 235-238 |
| Taqsima XXII. | Fuq id-Dgħajjes | |
| | Fuq id-Dgħajjes ta' kull Xorta# | |
| | Fuq id-Dgħajjes tas-Saborra** | |
| | Fuq id-Dgħajjes ta' Għawdex** | |
| | Fuq il-Puntuni** | |
| | Fuq id-Dgħajjes tat-Tagħbija** | |
| | Fuq id-Dgħajjes ta' l-Ilma** | |
| | Fuq id-Dgħajjes tal-Pass | 270-286 |
| | Fuq il-Kajjikki u Dgħajjes Żgħar oħra** | |
| | Fuq id-Dgħajjes ta' l-Istim | 289-303 |


* Imħassra bl-Att Nru. I ta' l-1992.
\# Imħassra bl-Att Nru. XVII ta' l-1991.

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima XXIII. | Fuq is-Sajd, il-Bejgħ tal-Ħut u d-Dgħajjes tas-Sajd | 305-306 |
| Taqsima XXIV. | Fuq il-Barklori | 307-309 |
| Taqsima XXV. | Fuq it-Traffikanti f'Oġġetti tal-Baħar u f'Ħadid Qadim | 310-316 |
| Taqsima XXVA. | Fuq *Video Recorders* | 316A-316B |
| Taqsima XXVB. | Fuq il-Minuri u l-Alkoħol | 316Ċ-316F |
| Taqsima XXVI. | Disposizzjonijiet Ġenerali | 317-322 |

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan il-Kodiċi jista' jissajjaħ il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

Tifsir.
*Emendat:*
*VII. 1889.8,10;*
*IX. 1900.21;*
*XIII. 1913.9;*
*XV. 1920.14;*
*XVI.1931.43.47, 48;*
*XX. 1957.2;*
*I. 1959.8;*
*V. 1960.2;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XIV. 1969.19;*
*L. 1974.2;*
*XI. 1977.2;*
*A.L. 161 tal-1990;*
*XVII. 1991.82.*
*XXIII. 2000.30;*
*XXVII. 2001.33;*
*XV. 2009.49, 52.*
Kap. 44.
Kap. 352.

**2.** F'dan il-Kodiċi, il-kliem li ġej għandu t-tifsir mogħti lilhom hawn taħt ħlief jekk fil-materja jew fil-kontest ikun hemm xi ħaġa nkumpatibbli ma' dan it-tifsir jew jekk fl-istess Kodiċi jkun jingħad espressament xort'oħra -

il-kelma "arkitett" tfisser persuna li għandha liċenza biex teżerċita l-professjoni ta' arkitett u inġinier ċivili taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Arkitetti;

il-kelma "Awtorità għat-Trasport f'Malta" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa skond l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

il-kelmiet "awtorità sanitarja" jinkludu l-Bord tas-Servizzi Ġenerali, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, Uffiċjal Mediku tas-Saħħa, Inġinier tas-Sanità, Spettur tas-Saħħa, u kull persuna oħra maħtura mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika sabiex tara li jiġi mħares dan il-Kodiċi sa fejn għandu x'jaqsam mas-saħħa pubblika;

il-kelma "bastiment" tfisser kull bastiment jew dgħajsa jew kull xorta ta' biċċa oħra tal-baħar;

il-kelma "bennej" tfisser kull persuna li tibni għal kollox jew f'parti, bini tal-ġebel jew tal-madum li ma jkunx mibni bis-sejjieħ, ukoll jekk ix-xogħol magħmul jew mibdi minn din il-persuna jkun jikkonsisti biss fil-bini ta' ħajt imtella' biex jagħmel parti minn bini, jew fit-tħaffir ta' bir, jew fossa, jew fil-bini ta' loki, sink jew kanal għall-mogħdija ta' ilma jew materjal maħmuġ;

il-kelma "bitħa" tinkludi kull bitħa, ġnien jew spazju ieħor mikxuf;

Kap. 94.

il-kelmiet "Bord tas-Servizzi Ġenerali" ifissru l-Bord imwaqqaf skond l-artikolu 41 ta' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa;

il-kelma "ċimiterju" tfisser kull ċimiterju, qabar, jew post ieħor magħmul għad-dfin ta' kadavri, ikun fejn ikun;

il-kelma "dar" tfisser kull dar hekk magħrufa u tinkludi mezzanin, kamra, maħżen jew bini ieħor li l-biċċa l-kbira tiegħu hija tal-ġebel jew ta' materjal ieħor użat għall-bini;

il-kelmiet "gorboġ tal-ħnieżer" ifissru post li fih ikun hemm iżjed minn żewġ ħnieżer;

il-kelma "kantina" tfisser kull parti ta' dar illi l-art tagħha hija iżjed minn metru 'l isfel mill-invell ta' l-eqreb triq;

il-kelma "kerrejja" tfisser kull dar fejn joqgħodu iżjed minn żewġ familji jekk fil-kamra jew appartament tagħha kull waħda mill-familji ma jkollhiex loki u servizz ta' l-ilma għaliha;

il-kelma "loki" tfisser latrina, jew reċipjent ieħor imwaħħal li qiegħed għall-użu immedjat tal-bżonnijiet naturali tal-bniedem, u kull apertura li tinfed mad-drenaġġ, fossa, ħofra jew lok ieħor għax-xħit ta' ħmieġ jew ta' materjal ieħor maħmuġ, u li qiegħda għal dak l-użu u bżonnijiet, ukoll jekk dak ir-reċipjent jew apertura

jkunu jservu wkoll għal xi ħaġa oħra;

il-kelmiet "maqjel tal-bhejjem tal-fart" ifissru post li fih ikun hemm iżjed minn żewġ bhejjem tal-fart;

il-kelmiet "maqjel tan-ngħaġ" ifissru post li fih ikun hemm iżjed minn erba' nagħġiet jew mogħżiet;

il-kelma "persuna" tinkludi għaqda jew korp ta' persuni;

il-kelma "port" tfisser kull port, bajja, qala, daħla tal-baħar jew xatt;

il-kelmiet "post abitat" ifissru kull area fejn hemm ġabra ta' djar li fihom joqgħodu jew jistgħu joqgħodu iżjed minn mitt ruħ;

il-kelmiet "post tal-loki" ifissru l-gabinett jew post ieħor magħluq fejn ikun hemm il-loki;

il-kelma "sid", użata dwar beni immobbli, tinkludi kull persuna li tidher għas-sid fl-amministrazzjoni tal-fond, jew li tkun taġixxi f'isem is-sid jew tkun ħadet il-kwalità ta' sid, skond iċ-ċirkostanzi;

il-kelma "triq" tfisser kull triq u tinkludi ħâra, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni, jew lok ieħor ta' passaġġ pubbliku;

il-kelma "vettura" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Kap. 499.

TAQSIMA I

PROĠETTI TA' PJANI REGULTURI TA' BLIET U RHULA*

*Miżjuda: II. 1897.1. Emendata: VI. 1937.2; Sostitwit: XV. 1962.2. Imħassra: I. 1992.63.*

*L-artikoli 3 sa 19, it-tnejn inklusi, ġew imħassrin bl-Att Nru. 1 ta' l-1992.

## TAQSIMA II

### FUQ IT-TOROQ

Wisa' ta' toroq ġodda.
*Emendat:*
*II. 1880.1;*
*VII. 1889.1;*
*XVII. 1893.1,2;*
*I. 1920.2;*
*XIII. 1921.2;*
*VI. 1937.3;*
*XLIX. 1948.5;*
*IV. 1950.2;*
*XIV. 1958;*
*VII. 1959.2;*
*XV. 1962.14;*
*XXV. 1962;*
*A.L. 2 tal-1963;*
*III. 1965.3;*
*LVIII. 1974.68;*
*XIV. 1981.2;*
*XXIII. 2000.30;*
*XV. 2009.49.*

**20.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Sctgħa dwar it-tpinġija ta' ismhjiet ta' toroq, eċċ.
*Emendat:*
*II. 1880.1;*
*XIII. 1921.2;*
*VI. 1937.3;*
*XXIII. 2000.30;*
*XV. 2009.49.*
Kap. 363.

**21.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tismija ta' toroq.
*Emendat:*
*II. 1880.1;*
*XIII. 1921.2;*
*VI. 1937.3;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*VIII. 1982.2.*
*XXIII. 2000.30;*
*XV. 2009.49.*

**22.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tneħħija jew tbassir ta' isem ta' triq, subborg jew raħal.
*Emendat:*
*II. 1880.2;*
*XIII. 1921.3.*

**23.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Egħluq ta' toroq waqt tiswijiet.
*Emendat:*
*XXIII. 2000.30;*
*XV. 2009.49.*

**24.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Xogħlijiet li jistgħu jġibu xkiel jew periklu fit-toroq.
*Emendat:*
*XXVII. 2001.33.*

**25.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tankijiet eċċ. fuq jew parti minn ħitan.
*Miżjud:*
*XV. 1985.2.*

**25A.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

**26.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Haġa sporġuta fuq it-triq.
*Emendat: XXIII. 2000.30; XV. 2009.49.*

**27.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Avviż lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta qabel ma jinbeda bini jew isir taħfir.
*Emendat: XVII. 1893.12; VI. 1937.4; XXIII. 2000.30; XV. 2009.49.*

**28.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Setgħa tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li tordna li bini maħtut jiġi mtella' fuq il-linja tat-triq.
*Emendat: A.L. 4 tal-1963; XXIII. 2000.30; XV. 2009.49.*

**29.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Permess mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta għall-ftuħ ta' bankina jew ta' wiċċ ta' triq.
*Emendat: VI. 1937.5. XXIII. 2000.30; XXVII. 2001.33; A.L. 407 tal-2007; XV. 2009.49.*

**30.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Ħsieb li għandu jittieħed waqt il-bini jew tiswija ta' toroq, eċċ.

**31.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tirfid ta' djar waqt tiswijiet.

**32.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Irpar waqt tiswija jew bini.

**33.** (*Mħassar bl-Att XXV.2001.50.*)

Dwal bil-lejl fuq jew ħdejn materjal fi triq.

**34.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Ma jistax jitħalla materjal jew xkiel ieħor fi triq għal żmien aktar milli meħtieġ.

**35.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Ftuħ f'wiċċ l-art jew f'bankina li jagħtu għall-kantini, eċċ., għandu jitgħatta.

**36.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Bini mill-ġdid ta' ħajt imwaqqa' fuq triq.
*Emendat: XVII. 1893.3; XXIII. 2000.30; XV. 2009.49.*

Ma jistax isir qligħ ta' ħamrija jew trab mingħajr permess.
*Emendat:*
*XVII. 1893.12;*
*XXIII. 2000.30;*
*XV. 2009.49.*

**37.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Egħmil u nuqqas kontra l-liġi.
*Emendat:*
*X. 1859.1;*
*V. 1886.1;*
*XVIII. 1888.12;*
*II. 1890.1,2;*
*XVII. 1893.4;*
*IX. 1900.1;*
*XII. 1904.48;*
*XI. 1901.1, 2;*
*XIX. 1926.2;*
*XL. 1948.2;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XXI. 1967.37.*

**38.** (*Mħassar bl-Att XXV.2001.50.*)

Permess biex wieħed jagħmilha ta' kennies.
*Miżjud:*
*IX. 1899.5.*
*Emendat:*
*XII. 1938.2;*
*XIV. 1958;*
*XXV. 1962;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XI .1977.2.*

**39.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Egħmil u nuqqas li jistgħu jġibu ħsara, xkiel, periklu jew inkomdu lin-nies.
*Emendat:*
*IX. 1900.2.*

**40.** (*Mħassar bl-Att XXV.2001.50.*)

Daqq ta' strumenti tal-mużika, għana jew għajjat fi triq jew fi ħwienet.
*Emendat:*
*III. 1872.3;*
*XXV. 1935.2.*

**41.** (1) Ħadd ma jista' jsamma' jew idoqq strument tal-mużika jew strument ieħor li jagħmel ħoss, jew igħanni, jew, sabiex ibiegħ fit-toroq, ibiegħ, iqassam jew ixandar xi oġġett, igħajjat fi triq, f'ħanut jew f'lok pubbliku ieħor, wara li jkun ġie mwissi biex ma jissoktax mid-detentur jew mill-persuna li tkun toqgħod f'bini fil-qrib, minħabba l-mard ta' persuna f'dak il-bini jew għal xi raġuni oħra tajba, jew wara li jiġi hekk imwissi mill-Pulizija.

(2) Ħadd ma jista' -

(*a*) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew

(*b*) f'kull bini ieħor,

billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem *loud speaker*, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib.

## TAQSIMA III

*Miżjuda: I. 1947.2.*

### FUQ IL-QRATI

Tifsir: *Miżjud: I. 1947.2. Emendat: A.L. 181 tal-2006.*

**42.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima ta' dan il-Kodiċi l-kelma "ħottab" tfisser kull persuna li, fil-waqt li ma jkunx avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku kwalifikat kif imiss skond il-liġijiet ta' Malta, jindaħal, bi ħlas ta' xi dritt, rigal jew rimunerazzjoni sew bi flus jew bi ħwejjeġ oħra, jew b'xi tpattija oħra, li jagħmel xi waħda mill-ħwejjeġ li ġejjin:

(*a*) li jabbozza jew iħejji, ħlief fuq ordnijiet diretti u fuq ir-responsabbiltà ta' avukat jew ta' prokuratur legali jew ta' nutar pubbliku, xi affidavit, testment, kuntratt ta' bejgħ, kuntratt ta' ċens jew ta' kiri, trasferiment, transazzjoni, wegħda ta' bejgħ, jew xi kuntratt ieħor jew kitba privata oħra jew xi rikors ġuramentat jew libell jew nota ta' eċċezzjonijiet jew petizzjoni jew risposta jew rikors jew xi dokument ieħor ġudizzjarju jew extra ġudizzjarju;

(*b*) li jagħti lil xi persuna parir legali, sew bil-fomm jew bil-miktub;

(*ċ*) li jfittex klijenti għal xi avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku.

Min joħtob jagħmel reat. *Miżjud: I. 1947.2.*

**43.** Jagħmel reat kull min -

(*a*) jagħmilha ta' ħottab għal xi avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku jew għall-qligħ tiegħu nnifsu; jew

(*b*) iħajjar jew jagħmel mill-aħjar biex iħajjar xi klijent jew min ikun bil-ħsieb li jkun klijent ta' xi avukat jew ta' xi prokuratur legali jew ta' xi nutar pubbliku li ma jibqax klijent ta' dak l-avukat jew prokuratur legali jew ta' xi nutar pubbliku sabiex isir klijent ta' l-avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku li miegħu l-ħottab ikun segretarju, skrivan, jew impjegat f'xi xort'oħra ta' xogħol; jew

(*ċ*) bil-ħażen imaqdar il-ħila professjonali ta' avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku bil-għan li jdawwar xogħol professjonali għal fuq avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku ieħor.

Lista ta' ħottaba u appell kontra d-dħul ta' ismijiet fihom. *Miżjud: I. 1947.2. Emendat: A.L. 148 tal-1975; VIII. 1990.3; XXIV. 1995.362; XXXI. 2002.255.*

**44.** (1) Ir-Reġistratur tal-Qrati, ir-reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew ir-reġistratur tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandhom, kull wieħed minnhom dwar il-qorti li fiha huwa jaħdem, jiġbru f'listi u jxandruhom fil-Gazzetta tal-Gvern, ismijiet ta' nies għas-sodisfazzjoni ta' kull wieħed minnhom li, wara l-ħruġ ta' din id-disposizzjoni, ikunu għamluha jew ippruvaw jagħmluha ta' ħottaba jew li mingħajr jedd ikunu taw pariri lil persuni li jkun f'kawża jew bil-ħsieb li jidħlu f'kawża, u jistgħu, minn żmien għal ieħor, iqallbu u jbiddlu dawk il-listi.

(2) Ma għandu jitniżżel l-isem ta' ebda persuna f'lista bħal dik sakemm lil dik il-persuna ma jkunux ingħataw mhux inqas minn

erbat ijiem tax-xogħol sabiex turi l-għala isimha għandu jitħalla barra. Id-deċiżjoni finali tar-reġistratur li jniżżel isem f'lista bħal dik tintbagħat lill-persuna li għandha x'taqsam b'ittra reġistrata li titqies li ġiet irċevuta mill-persuna li lilha tkun indirizzata meta jiġi ippruvat li ġiet konsenjata fil-post magħruf bħala l-aħħar residenza ta' lil min kienet indirizzata.

(3) Ikun hemm dritt ta' appell mid-deċiżjoni tar-Reġistratur li jniżżel isem persuna f'lista bħal dik, b'rikors magħmul fi żmien għoxrin ġurnata, wara li tkun waslet id-deċiżjoni finali tar-Reġistratur. L-appell isir quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha.

(4) Kopja ta' kull lista bħal dik għandha tinżamm fejn tidher sewwa ħdejn il-bieb prinċipali tal-qorti li għaliha l-lista tirreferixxi, u kopja oħra għandha tinżamm fejn tidher sewwa f'kull awla tal-qorti li għaliha l-lista tirriferixxi.

Tkeċċija ta' ħottaba mill-qrati.
*Miżjud:*
*I. 1947.2.*
*Emendat:*
*A.L. 148 tal-1975.*

**45.** (1) Kull imħallef jew kull maġistrat, b'ordni ġenerali jew speċjali, jista' jordna li f'ebda naħa tal-qorti u f'ebda mkien li jagħmel sehem minn dik il-qorti, ma titħalla tidħol ebda persuna li isimha jkun imniżżel f'lista bħal dik, ħlief meta dik il-persuna tkun parti jew xhud f'xi proċedura f'dik il-qorti, li f'dak il-każ għandha titħalla li tibqa' hemmhekk għal dak iż-żmien biss li jkun meħtieġ biex taqdi x-xogħol li jkun sejħilha.

Twettiq.

(2) Ikun dmir il-marixxall tal-qorti u ta' kull membru tal-korp tal-Pulizija li jwettaq kull ordni maħruġ skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu minn xi mħallef jew minn xi maġistrat, u għal dak il-għan ikun jista', jekk jinħtieġ, joħroġ 'il barra, minn kull naħa ta' kull qorti u minn kull imkien li jagħmel sehem minn dik il-qorti, kull persuna li tinsab hemmhekk bi ksur ta' ordni kif imsemmi hawn fuq.

Tirżin fl-impieg ta' ħottaba.
*Miżjud:*
*I. 1947.2.*
*Emendat:*
*A.L. 407 tal-2007.*

**46.** (1) Ebda avukat, prokuratur legali jew nutar pubbliku ma għandu jimpiega bħala skrivan jew bħala segretarju jew f'xi xogħol ieħor ikun li jkun ebda persuna li f'dak iż-żmien li jkun se jqabbdu fl-impieg, jew fi żmien sena qabel, isimha jkun jidher jew kien deher f'xi lista maħruġa taħt l-artikolu 44; u ebda avukat, prokuratur legali jew nutar pubbliku ma għandu jżomm f'ebda mpieg għal iżjed minn tmintax-il jum ta' wara xulxin minn dak in-nhar tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-lista hawn qabel imsemmija, lil xi mpjegat li, wara li jkun ġie mqabbad fl-impieg, jidher ismu f'xi lista maħruġa taħt l-artikolu 44.

Piena.

(2) Kull avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku li jonqos milli jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet li jinsabu fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jeħel multa ta' mhux iżjed minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) dwar kull nuqqas u flimkien, fejn applikabbli, multa skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Sanzjonijiet.
*Miżjud:*
*I. 1947.2.*
*Emendat:*
*A.L. 407 tal-2007.*

**47.** (1) Kull min -

(*a*) jikser id-disposizzjonijiet li jinsabu fl-artikolu 43; jew

(*b*) jikser xi ordni ta' twarrib maħruġ kontrih bis-saħħa

tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 45; jew

(*ċ*) jagħmel reżistenza fuq xi marixxall tal-qorti jew fuq xi membru tal-korp tal-Pulizija meta, bis-setgħa mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 45, dak il-marixxall tal-qorti jew dak il-membru tal-korp tal-Pulizija jkun qiegħed joħorġu 'l barra minn xi parti tal-qorti jew preċinti tagħha,

jeħel multa ta' mhux iżjed minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew sew dik il-multa kemm dik il-priġunerija flimkien, mingħajr ħsara għal kull piena akbar li tista' tkun tapplika skond xi disposizzjoni oħra tal-liġi.

(2) Kull reat kontra xi disposizzjoni li tinsab f'din it-Taqsima, tkun xi tkun il-piena li tistħoqq għal dak ir-reat, għandha tidħol fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali. Ġurisdizzjoni.

Taqsima IV

FUQ IL-VETTURI

*L-artikoli 48 sa 94 ġew imħassra bl-Att XXIII.200.30.*

TAQSIMA V

FUQ IL-POSTIJIET ABITATI, DJAR U BINI IEHOR

*Emendat: II. 1880.10.*

**95.** (1) Ħadd ma jista' jaħdem is-sengħa ta' bennej mingħajr liċenza mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Liċenza ta' bennej. *Emendat: II. 1880.10; VI. 1881.1; VI. 1949.2; II. 1974.2; VIII. 1990.3.*

(2) Il-liċenza ma tiġix mogħtija ħlief lil persuni, ta' kondotta tajba li jkunu taw prova tal-ħila tagħhom f'eżami miżmum mill-Bord għall-Bennejja mwaqqaf skond l-artikolu 96 ta' dan il-Kodiċi. Kwalifika għal ksib ta' liċenza.

(3) Liċenzi maħruġa taħt dan l-artikolu jkunu jiswew għal tnax-il xahar li jibdew jingħaddu mill-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li fiha jkunu nħarġu, iżda d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkun jista' jġeddidhom għal żminijiet oħra ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar il-wieħed.

(4) Kull bennej li japplika għal liċenza taħt dan l-artikolu, għandu jħalli għand id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi żewġ kopji ta' ritratt tiegħu xieraq u meħud fi żmien qrib; wieħed mir-ritratti għandu jitwaħħal fuq il-liċenza.

(5) Id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkun jista' jieħu lura jew

jirrifjuta li jġedded liċenza ta' bennej kull meta huwa jkun sodisfatt li dak il-bennej ma jkunx ħadem bħala bennej għal żmien disa' xhur wara xulxin jew għal żminijiet oħra li, f'sena waħda, flimkien jgħaqqdu disa' xhur: iżda meta taħt dan is-subartikolu liċenza tiġi meħuda lura jew jiġi rrifjutat it-tiġdid tagħha, il-liċenza għandha terġa' tingħata lill-bennej kemm-il darba huwa jintrabat li jaqbad jaħdem minnufih bħala bennej.

Jingħadd li għamilha ta' bennej ukoll min jagħmel biċċa xogħol waħda.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kull min jagħmel imqar biċċa xogħol waħda biss tas-sengħa ta' bennej, jingħadd li huwa jaħdem din is-sengħa.

Setgħa tal-qorti li żżomm bennej mix-xogħol.

(7) Jekk bennej, b'nuqqas ta' ħila, ta' ħsieb jew bi traskuraġni, jikkaġuna, f'xogħol ta' bini fdat lilu, u li jkollu x'jaqsam mas-sengħa tiegħu, ħsara lil xi persuna jew fil-propjretà, il-Qorti tal-Maġistrati tista' żżomm dak il-bennej mix-xogħol tas-sengħa tiegħu għal dak iż-żmien li jiġi stabbilit fis-sentenza, u tordna, fl-istess ħin, li tittieħed lura l-liċenza.

Twaqqif ta' Bord għall-Bennejja. *Miżjud: II. 1974.3.*

**96.** (1) Għandu jkun hemm Bord, li jissejjaħ il-Bord għall-Bennejja, biex jeżamina dawk il-persuni li japplikaw għal liċenza ta' bennej.

(2) Dak il-Bord ikun magħmul minn mhux inqas minn tliet persuni nominati minn żmien għal żmien mill-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi, u waħda minnhom tkun nominata *chairman* mill-imsemmi Ministru.

(3) Mhux inqas minn żewġ membri ta' l-imsemmi Bord ikunu arkitetti u inġiniera ċivili.

Regoli li għandhom jitħarsu f'bini ta' djar. *Emendat: XVII. 1893.6 sa 15; IV. 1912.1,2; XV. 1919.2; XIX. 1926.6; XVI. 1931.2 sa 20; XXIX. 1935.2; XXVI. 1937.2; XVI. 1946.2,3,4; I. 1959.8; V. 1960.3; III. 1962.2; A.L. 4 tal-1963; L. 1974.3; XL. 1975.2; LV. 1975.2; XIII. 1976.2. Revokat: XXV. 2001.50. Miżjud: III. 2002. 157.*

**97.** (1) Fil-bini ta' kull dar jew ta' biċċa minn dar, is-sid kif ukoll il-bennej u l-arkitett li jkunu mqabbdin mix-xogħol, għandhom, kemm-il darba r-regolamenti msemmijin fl-artikolu 102 ma jkunux jiddisponu xort'oħra, iħarsu r-regoli li hemm fil-paragrafi li ġejjin:

(*a*) (i) f'kull ħajt, jew meta l-ħajt ikun imtella' minn ġewwa bil-vojt skond il-paragrafu (*b*) ta' dan is-subartikolu, sew fil-qoxra ta' ġewwa kemm ukoll f'dik ta' barra, għandu jkun hemm saff ta' asfalt, folji taċ-ċomb, madum magħmul żġieġ, jew materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali jew ordnat fir-regolamenti hawn fuq imsemmija;

(ii) il-wiċċ ta' fuq ta' dan is-saff għandu jkun għoli mill-anqas għaxar ċentimetri fuq l-invell tat-triq, jekk il-ħajt ikun imiss ma' triq, jew tal-bitħa, jekk ikun imiss ma' bitħa, jew ma' l-invell ta' l-art ta' taħt iċ-ċangar, meta jkun hemm, tal-kamra fil-pjan terran, jekk il-ħajt ikun ta' ġewwa;

(iii) kull ħajt li jifred żewġt ikmamar, fil-pjan terran, illi l-art tagħhom ma tkunx qiegħda nvell wieħed, għandu, wkoll, ikollu saff ta' wieħed mill-materjali fuq imsemmija, mogħti nvell ma'

l-art tal-kamra li tiġi aktar fil-baxx; u dak il-ħajt, minn dan is-saff sal-wiċċ ta' fuq ta' l-art tal-kamra li tkun f'invell iżjed għoli jew sa wiċċ l-art tas-sotterran ivventilat, jekk ikun hemm, taħt dik il-kamra, għandu jiġi miksi bl-asfalt, jew b'materjal ieħor, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali jew stabbilit fir-regolamenti hawn fuq imsemmijin, min-naħa li tħares lejn il-kamra l-waħda jew l-oħra, kif, skond iċ-ċirkostanzi, tordna l-awtorità sanitarja;

(*b*) (i) kull ħajt ta' kull kamra, espost għax-xita, għandu jkun ta' dik il-ħxuna li l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'ordni magħmul taħt dan il-paragrafu u, għal nofs il-ħxuna tiegħu, ma' tulu kollu, mill-invell tal-kamra tal-pjan terran jew, jekk hemm kantina, mill-art ta' dik il-kantina, sa l-aħħar filata ta' l-istess ħajt, għandu jitħalla vojt ta' tmien ċentimetri mifruq biss biex tingħata saħħa lill-ħajt, u magħluq fuq l-aħħar filata b'saff ta' asfalt, folji taċ-ċomb, madum magħmul żġieġ jew materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, jew b'ġebel miksi b'dak il-materjal;

(ii) fil-qoxra ta' barra tal-ħajt fuq imsemmi, għandu jkun hemm dawk it-toqob illi l-awtorità sanitarja jkun jidhrilha meħtieġa għall-mogħdija ta' l-arja ġewwa dak il-vojt tal-ħajt;

(iii) f'waħda mill-qoxriet tal-ħajt, il-ktajjen, meta m'humiex tal-ħadid, jew ta' materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, għandhom jiġu ingastati fil-ġebel ta' dik il-qoxra tal-ħajt; u l-wiċċ ta' l-ingastar, jew ta' dawk il-partijiet tal-ktajjen li jkunu ingastati, għandu jkun imgħotti bl-asfalt jew b'materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali;

(iv) iżda, il-vojt fuq imsemmi ta' ġewwa l-ħajt ma jkunx meħtieġ meta l-ħajt kollu, għal nofs il-ħxuna tiegħu, jiġi mimli bil-konkos tas-sement idrawliku jew b'materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, barra milli, għal dawk li huma ktajjen, għandha titħares l-aħħar disposizzjoni qabel din; u, f'dak il-każ, il-ħxuna tal-hajt tista' titnaqqas sa sittin ċentimetru;

(v) ġebel użat fil-bini ta' xi ħajt ma għandux ikun ta' qisien akbar minn dawk li l-imsemmi Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien b'ordni magħmul taħt dan il-paragrafu;

(vi) l-imsemmi Ministru jista' jagħti eżenzjoni mit-

tħaris ta' jew jagħti permess għal xi differenzi ma' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' xi ordni magħmul skond dan il-paragrafu, jew dwar xi bini wieħed jew dwar xi klassi jew grupp ta' bini, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xieraq li jimponi;

(*ċ*) (i) il-wiċċ ta' l-art ta' kull kamra fil-pjan terran, barra miċ-ċangar, għandu jkun għall-anqas ħmistax-il ċentimetru iżjed għoli mill-invell tal-bitħa u mill-invell ta' l-eqreb triq;

(ii) fit-toroq imżerżqa, dan il-għoli jinqies linja dritta min-nofs il-faċċata tal-bini, u jekk biċċa mill-faċċata taħbat taħt il-għoli li hu meħtieġ, dik il-biċċa għandha tinqata' mit-triq, skond il-paragrafu (*d*) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 108;

(iii) l-art tal-kmamar, meta dawn m'għandhomx taħthom sotterran ivventilat ta' mill-anqas sittin ċentimetru għoli, għandha tkun magħmula jew miksija b'saff ta' asfalt, konkos tas-sement idrawliku, jew materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, u l-wiċċ ta' dan is-saff għandu jkun imwitti nvell wieħed mas-saffi ta' materjal, li minnu ma jinfidx l-umdu, tal-ħitan tal-kamra; u meta l-kamra jkollha dan is-sotterran, il-ħnejjiet jew il-pilastri li fuqhom ipoġġi ċ-ċangar tal-kamra, sewwa sew taħt l-istess ċangar, għandhom jiġu miksijin b'saff ta' asfalt, folji taċ-ċomb, madum magħmul żġieġ, jew materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali;

(*d*) kull kamra, mill-art sat-travi tas-saqaf, jew, meta s-saqaf huwa mibni fuq il-ħnejjiet, sa nofs il-għoli ta' kull ħnejja, għandha tkun mill-anqas tnejn punt sebgħa ħamsa metri għoli, f'kull parti tagħha;

(*e*) kull parti ta' dar għandha tkun mibnija b'mod li, fil-fehma ta' l-awtorità sanitarja, ikun hemm dawl biżżejjed u ċirkolazzjoni ta' arja libera; u f'kull kamra u fil-post tal-loki għandu jkun hemm dawk il-ventilaturi illi l-awtorità sanitarja jidhrilha meħtieġa għat-tibdil ta' l-arja, ukoll meta l-bibien u t-twieqi jkunu magħluqa;

(*f*) (i) il-bir meħtieġ taħt il-paragrafu (*n*) (viii) ta' dan l-artikolu, għandu jkun minfud mal-bejt tad-dar b'katusi wiesgħa biżżejjed biex jista' jgħaddi minn ġo fihom l-ilma tax-xita li jaqa' fuq dak il-bejt; ebda waħda minn dawn il-katusi m'għandha tiġi wżata bħala ventilatur ta' loki, jew ta' drenaġġ, jew ta' fossa, tank settiku, jew impjant ta' trattament u disponiment tal-ħmieġ tad-drenaġġ; u ebda spurgatur jew kanal

magħmul biex minnu jgħaddi l-ilma li jfur mill-bir, m'għandu jkun ikkumnikat ma' drenaġġ jew fossa, tank settiku jew impjant ta' trattament u disponiment tal-ħmieġ tad-drenaġġ, lanqas ebda katusa oħra jew kanal magħmul bħala spurgatur ta' l-ilma tax-xita m'għandu, mingħajr permess ta' l-awtorità sanitarja, ikun ikkumnikat ma' ebda parti tad-dar, b'mod li l-ilma tax-xita jista' minn hemm jibqa' sejjer għal ġewwa drenaġġ;

(ii) il-bjut ta' dar għandhom ikunu ibbattmati u għandhom ikollhom kanali magħmulin b'materjal, b'mod li ma jħallux ilma qiegħed jew ilma jnixxi f'xi parti tad-dar;

(*g*) (i) kull dar għandu jkollha loki u dak il-loki għandu jkun imqabbad mad-drenaġġ pubbliku:

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jeżenta lil kull sid milli jqabbad il-loki mad-drenaġġ pubbliku bil-kondizzjoni li s-sid jipprovdi, dwar dik id-dar -

(*a*) fossa, jew

(*b*) tank settiku, jew

(*ċ*) impjant ta' trattament u disponiment tal-ħmieġ tad-drenaġġ,

skond kif jagħżel, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu mposti minn, l-imsemmi Suprintendent;

(ii) meta l-loki jkun f'livell aktar baxx mid-drenaġġ pubbliku, sid id-dar għandu jipprovdi mezz biex jippompja jew jerfa' l-materjal għad-drenaġġ pubbliku;

(iii) il-loki, il-fossa, it-tank settiku jew l-impjant ta' trattament u disponiment tal-ħmieġ tad-drenaġġ, kif ukoll il-kanal tagħhom, għandhom ikunu mibnija b'dak il-mod, b'dawk il-materjali, f'dawk il-partijiet tad-dar jew daqshekk imbiegħda mid-dar, u b'dawk is-sifuni jew mezzi oħra illi ma jħallux joħorġu rwejjaħ jew li jkun hemm tnixxijiet, kif is-Suprintendent jista', f'kull każ, jordna;

(iv) fil-każ ta' ħanut, dan il-paragrafu ma jkunx japplika jekk is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jkun sodisfatt li ma jkunx prattikabbli li jkollu loki.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, u tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 102 -

"dar" tinkludi kull post użat jew maħsub biex jintuża, għal kollox jew f'parti għal għanijiet ta' abitazzjoni, jew għal għanijiet tat-trobbija ta' annimali, kull lukanda jew stabbiliment li jipprovdi ikel kif imfisser fl-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel, u kull ħanut barra minn posta jew kiosk; Kap. 197.

"sid" ma tinkludix persuna li jkollha dar b'ċens temporanju għal żmien ta' mhux iżjed minn sbatax-il sena;

(*h*) (i) kull sink, friskatur, banju jew xi ħaġa oħra bħal dawn għandhom ikunu ta' mudell u materjal tajjeb u m'għandhomx ikunu jinfdu dritt mad-drenaġġ, iżda għandhom ikollhom spurgatur li iferragħ ġewwa *gully* imqiegħed fil-beraħ u minfud ma' drenaġġ regolari;

(ii) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jippermetti li l-ispurgatur ta' sink, friskatur, banju jew xi ħaġa oħra bħal dawn ikun iferragħ xort'oħra milli kif jingħad hawn fuq skond ma jidhirlu sewwa f'kull każ partikolari;

(*i*) il-katusi jew kanali minfudin mad-drenaġġ pubbliku, ma' fossa, tank settiku jew ma' impjant ta' trattament u disponiment tal-ħmieġ tad-drenaġġ għandhom ikunu tal-fuħħar ivverniċjat jew ta' materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-ilma appruvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali; dawk il-katusi jew kanali għandhom jiġu mqegħdin 'il bogħod mill-bir daqs kemm l-awtorità sanitarja jidhrilha li hu meħtieġ biex ma jitħallewx joħorġu rwejjaħ jew tnixxijiet; u, kemm jista' jkun, għandhom ukoll jiġu mqegħdin b'mod li jistgħu jiġu miftuħin minn bennej mingħajr taħbit kbir;

(*j*) il-loki għandu jkollu l-ventilaturi magħmulin b'mod illi, fil-fehma ta' l-awtorità sanitarja, ma jistax ikun hemm irwejjaħ;

(*k*) kull sink, friskatur, banju jew ħwejjeġ oħra bħalhom, imsemmijin fil-paragrafu (*h*) għandu jkollhom ukoll il-ventilaturi kif jingħad fl-aħħar paragrafu qabel dan, meta l-awtorità sanitarja jidhrilha li dawn il-ventilaturi huma meħtieġa biex ma jitħallewx joħorġu rwejjaħ;

(*l*) (i) ebda ħajt ta' barra ta' dar li tmiss ma' triq ġdida ma jista' jkun għoli mill-wiċċ ta' dik it-triq iżjed minn darbtejn il-wisa' ta' l-istess triq;

(ii) lanqas ebda ħajt ta' ġewwa ma jista' jittella' f'għoli, mill-wiċċ tat-triq, ta' iżjed minn darbtejn il-qies ta' bejn dak il-ħajt u l-ħajt li jkun hemm ġa mibni jew li jista' jinbena fuq it-tarf tal-ġenb l-ieħor ta' dik it-triq;

(iii) id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jgħoddu ukoll għal kull dar li tmiss ma' triq oħra, sew jekk dik id-dar tkun mibnija ġdida kemm jekk sulari ġodda jkunu mtellgħin fuq dar li ġa hemm:

Iżda, f'dawn il-każijiet il-għoli tal-ħitan jista' jkun tliet darbiet il-wisa' jew id-distanza hawn fuq imsemmija, rispettivament;

(iv) id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma jgħoddux għall-knejjes, jew bini ieħor mibni u ddestinat għal dejjem għall-qima t'Alla, lanqas

għal ebda bini pubbliku, jew għal opri oħra mibnija u iddestinati għad-difiża ta' Malta;

(*m*) bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*g*) ta' dan l-artikolu, il-fossa tad-drenaġġ ta' kull dar jew bini għandha titħaffer, jew titbiddel, titqiegħed u tkun imrewwħa skond l-ordnijiet illi, f'kull każ, jingħataw mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jew li jingħataw b'mod ġenerali b'regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-artikolu 102;

(*n*) (i) kull dar għandu jkollha warajha bitħa għaliha biss; u dik il-bitħa għandu jkollha t-tul kollu tal-ħajt ta' dik id-dar, u l-wisa' ta' mhux anqas minn tliet metri, jew ta' nofs il-għoli tad-dar, meta dik id-dar tkun ogħla minn sitt metri; f'din il-bitħa jista' jinbena loki wieħed jew iżjed, wieħed fuq l-ieħor; iżda f'dan il-każ il-wiċċ tal-bitħa għandu jikber skond il-wisa' li jiġi hekk meħud;

(ii) iżda, meta l-bitħa ta' dar tkun wara bitħa ta' dar oħra, il-*minimum* tal-wisa' ta' kull waħda miż-żewġ btieħi jista' jitnaqqas sa mhux anqas minn żewġ terzi tal-wisa' hawn fuq imsemmi, basta li l-wisa' taż-żewġ btieħi flimkien ma jkunx anqas minn sitt metri, u li s-sidien ta' dawn il-btieħi jintrabtu b'att nutarili, illi għandu jiġi mniżżel fir-Reġistru Pubbliku min-nutar li jkun irċievih, li ma jgħollux il-ħajt li jifred il-btieħi iżjed minn tlieta punt ħamsa metri mill-wiċċ tal-btieħi jew tal-bitħa l-aktar għolja jekk il-btieħi ma jkunux ta' l-istess invell; u kull min f'xi żmien italla', jew iħalli mtella', dak il-ħajt b'għoli aktar minn daqshekk, isir ħati ta' kontravvenzjoni għal dan il-Kodiċi;

(iii) meta l-wisa' tal-bitħa jaqbel mal-għoli ta' wieħed jew iżjed mis-sulari, skond ir-regoli ta' hawn fuq, l-awtorità sanitarja tista' tagħti li jinbnew sulari ġodda, kemm-il darba fuq l-aħħar sular li jkun ġa mibni, u man-naħa tal-bitħa, jiġi mħolli spazju mikxuf għal kollox b'irpar tal-ħadid lejn in-naħa tal-bitħa, ta' wisa' mhux anqas min-nofs il-għoli tas-sular mibni ġdid;

(iv) id-disposizzjonijiet ta' qabel dan il-paragrafu ma jgħoddux għal dawk id-djar li qegħdin fil-kantuniera ta' żewġ triqat jew bejn żewġ triqat, kemm-il darba, fil-każ imsemmi l-aħħar, waħda miż-żewġ triqat ikollha għall-anqas il-wisa' ta' mhux anqas min-nofs il-għoli tal-bini, jew tkun qiegħda ma' xatt il-baħar;

(v) l-awtorità kompetenti tista' tiddispensa mill-bitħa meħtieġa fir-regoli ta' qabel din, meta l-wisa' ta' l-art li fuqha għandu jsir il-bini, ikun hekk żgħir li minnu ma tistax tinħareġ din il-bitħa, u kull waħda mill-kmamar u t-taraġ tal-

bini jkunu għall-anqas jieħdu direttament id-dawl minn tieqa li tagħti għat-triq pubblika jew fuq xi spazju ieħor fil-beraħ;

(vi) meta, minħabba l-għamla ta' l-art li fuqha għandha tinbena dar, il-bitħa ma jistax ikollha it-tul jew il-wisa' li trid il-liġi, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jagħti li ssir bitħa ta' tul jew wisa' anqas, kemm-il darba, fil-fehma tiegħu, dan it-tul jew wisa' anqas, wara li jittieħdu b'qies il-kondizzjonijiet partikolari tal-lok, ikunu biżżejjed għad-dawl u għall-arja meħtieġa għas-saħħa tan-nies li joqogħdu fid-dar;

(vii) il-bitħa jew btieħi ta' dar għandhom ikunu iċċangati u jkollhom kanali skond ir-regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-artikolu 102;

(viii) kull dar għandu wkoll ikollha bir miżmum fi stat tajjeb, tal-kapaċità mill-anqas ta' tliet metri kubi, għal kull ħames metri kwadri tal-wiċċ ta' l-art ta' kull kamra ta' dik id-dar;

(*o*) (i) tletin ġurnata mill-anqas qabel ma jinbeda xogħol ta' bini, jew ta' bini mill-ġdid, ta' dar, jew ta' biċċa minn dar, jew, meta jsir xogħol biex il-loki jitniffed mad-drenaġġ pubbliku, qabel ma dan ix-xogħol jitgħatta, l-arkitett jew il-bennej, jew is-sid, għandu, flimkien ma' pjanta tax-xogħol propost, jagħti avviż ta' dak ix-xogħol lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

(ii) meta, fil-fehma tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, ix-xogħol propost jinħtieġ li jiġi maħdum taħt it-tmexxija ta' wieħed tas-sengħa sabiex jiġu skansati, ma' tul ix-xogħol jew wara, il-ħsarat fi proprjetà jew il-perikolu lill-ħaddiema mqabbdin fix-xogħol jew lil min ikun għaddej jew lil persuni oħra, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jitlob dikjarazzjoni bil-miktub minn arkitett li biha jieħu f'idejh it-tmexxija u r-responsabbiltà tax-xogħol, bla ħsara f'kull każ ta' kull responsabbiltà ċivili jew kriminali ta' persuni oħra, skond il-liġi;

(iii) is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu, fuq talba ta' l-arkitett, bennej, jew sid, fi żmien tletin ġurnata mill-kunsinna tal-pjanta, jew fi żmien erbgħin ġurnata, jekk il-każ hu wieħed li għandu jkun meqjuż mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, igħarrfu jekk il-pjanta ġietx jew le approvata mill-awtorità sanitarja;

(iv) ħadd, f'ebda każ, ma jista' jibda ebda xogħol qabel ma l-approvazzjoni ta' l-awtorità sanitarja tiġi mgħarrfa lilu bil-miktub fiż-żmien hawn fuq imsemmi, jew, fiż-żmien li jkun isir ix-xogħol, jitbiegħed mill-pjanta kif tkun ġiet approvata

mill-awtorità sanitarja, mingħajr il-permess tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

(v) din l-approvazzjoni titqies li hija nulla u bla effett jekk xi tagħrif jew partikolaritajiet li jkun hemm fl-avviż hawn fuq imsemmi jew fil-pjanta mgħaqqda miegħu jinsabu mhux korretti jew qarrieqa;

(vi) kull uffiċjal tad-Dipartiment tas-Saħħa jista', fil-kors tax-xogħol jew wara li jitlesta x-xogħol, iżur il-lok biex jiżgura ruħu jekk il-bini, sew għal dak li hu materjal użat kemm għal dak li hu xogħol, hux magħmul skond il-liġi jew ir-regolamenti;

(*p*) fuq applikazzjoni ta' l-arkitett inkarigat mill-bini jew mill-bini mill-ġdid ta' dar għal ħelsien dwar dik id-dar mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*l*) jew tas-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (*n*) ta' dan is-subartikolu, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista'-

(i) f'kull każ mhux speċifikat fis-sub-paragrafi (v) u (vi) tal-paragrafu (*n*) ta' dan is-subartikolu; u

(ii) jekk il-Bord tas-Servizzi Ġenerali jqis illi dak il-ħelsien jista' jingħata mingħajr ħsara għas-saħħa tan-nies li joqogħdu fid-dar jew fi djar oħra fil-viċinanza tagħha,

jeżenta dik id-dar minn kull waħda jew minn xi waħda minn dawk id-disposizzjonijiet, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrulu xierqa, u ma jkun hemm ebda appell minn deċiżjoni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika taħt dan il-paragrafu;

(*q*) (i) dan il-paragrafu jgħodd għal kull dar li l-għoli tagħha, b'kejl minn l-aktar saff baxx ta' reżistenza għall-umdità sa l-ogħla ponta tad-dar, ikun iżjed minn erbgħa u għoxrin metru;

(ii) qabel il-bidu tal-bini jew tal-bini mill-ġdid ta' xi dar li għaliha jgħodd dan il-paragrafu, l-arkitett inkarigat għandu jissottometti lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi pjanti u dettalji flimkien ma' dawk il-partikolaritajiet l-oħra dwar il-bini jew bini mill-ġdid tad-dar kif jista' jkun meħtieġ mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li għandu jagħti parir bil-miktub lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jekk huwa jkunx sodisfatt illi d-dar meta mibnija jew mibnija mill-ġdid, skond il-każ, skond dawk il-pjanti, dettalji u partikolaritajiet tkunx stabbili u żgura;

(iii) il-parir tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi mogħti skond l-aħħar sub-paragrafu qabel dan ma jolqotx ir-responsabbiltà ta' l-arkitett jew ta' xi persuna oħra dwar l-istabbilità jew sigurtà tad-dar;

(iv) id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jkunu

b'żieda għal u mħux b'deroga ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima applikabbli għal djar, u b'mod partikolari u mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ngħad qabel, id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*o*) ta' dan is-subartikolu għandhom igħoddu għal kull dar li għaliha dan il-paragrafu jgħodd bħallikieku r-riferenza għad-dettalji u pjanta msemmija fis-sub-paragrafu (v) tiegħu tinkludi riferenza għall-pjanti, dettalji u kull partikolaritajiet imsemmija fis-sub-paragrafu (ii) ta' dan il-paragrafu, u bħallikieku r-riferenza għal kull uffiċjal tad-Dipartiment tas-Saħħa msemmi fis-sub-paragrafu (vi) tiegħu tinkludi riferenza għal kull uffiċjal tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi:

Iżda t-termini msemmija fis-sub-paragrafu (i) u fis-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (*o*) ta' dan is-subartikolu ma għandhomx igħoddu f'kull każ li għalih igħodd dan il-paragrafu.

(2) Meta xi dar tkun se tiġi mqabbda mad-drenaġġ pubbliku skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*g*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jista', jekk jidhirlu xieraq u prattikabbli, iqiegħed il-kumnikazzjoni bejn id-drenaġġ pubbliku u l-*intercepting chamber* relattiv għal dik id-dar, u s-sid ta' dik id-dar għandu, fi żmien tletin jum minn intima mill-imsemmi Direttur, iħallas lil dan ta' l-aħħar dak id-dritt għal kumnikazzjoni li l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jista' jistabbilixxi b'regolamenti magħmula skond dan is-subartikolu, u, f'nuqqas tal-ħlas fl-imsemmi żmien ta' tletin jum, ikollu jitħallas mis-sid imgħax bir-rata ta' sitta fil-mija fis-sena mid-data ta' dik l-intima.

(3) Meta, bis-saħħa ta' regolamenti magħmula skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 102 ta' dan il-Kodiċi, id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jew xi persuna oħra tkun għamlet xi xogħlijiet skond jew dwar id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*g*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dawk ix-xogħlijiet ikunu saru għal jew fl-interess ta' persuni oħra li jkunu obbligati li jagħmlu dawk ix-xogħlijiet skond l-imsemmi paragrafu (*g*), l-imsemmi Direttur jew il-persuna l-oħra li tkun għamlet ix-xogħlijiet hawn fuq imsemmija jkollha privileġġ favur tagħha fuq il-proprjetà li dwarha jkunu saru x-xogħlijiet għall-ammont li jkollu jitħallas lilha skond kull regolamenti magħmula kif intqal qabel, iżda dak il-privileġġ għandu jkun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fi żmien xahrejn minn meta jitlestew ix-xogħlijiet, u dak il-privileġġ ikollu preċedenza fuq kull kreditu ieħor, sew jekk privileġġat jew ipotekarju, fuq dik il-proprjetà, minkejja kull disposizzjoni oħra tal-liġi fis-sens kuntrarju.

Qtugħ tal-ġebla tal-franka.
*Miżjud: LV. 1975.3.*

**98.** Ebda persuna ma għandha taqta', jew iġġiegħel jew tħalli li tinqata', minn xi barriera xi ġebla tal-franka ta' xi qisien li jkunu aktar minn dawk, jew minn uħud minnhom, li l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'ordni magħmul taħt dan l-artikolu:

Iżda l-imsemmi Ministru jista' jagħti permess lil xi persuna, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jidhirlu xierqa li jimponi, li taqta' l-ġebla tal-franka li tkun ta' qisien differenti.

**99.** (1) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' jippermetti li xi parti ta' bini, illi s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jidhirlu li tista' tiġi hekk mibnija, tkun imgħammra b'mezzi tajba ta' dawl artifiċjali u b'sistema tajba ta' ventilazzjoni mekkanika, taħt dawk il-kondizzjonijiet imsemmijin fil-permess.

Dawl artifiċjali u ventilazzjoni mekkanika.
*Miżjud: XXVI. 1937.3. Emendat: A.L. 4 tal-1963; XXXI. 1967.37; XI. 1977.2; A.L. 407 tal-2007.*

(2) Is-sid ta' bini bħal dak għandu jieħu ħsieb li l-imsemmija sistema ta' ventilazzjoni mekkanika tiġi l-ħin kollu wżata u mħaddma waqt li l-bini jkun okkupat, u jekk huwa jonqos minn dan jew jonqos f'xi żmien minn xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmijin fil-permess, jeħel għal kull kontravvenzjoni multa ta' ħdax- il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u fil-każ ta' reat kontinwu, piena oħra ta' erbgħa euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) għal kull jum li l-kontravvenzjoni tissokta.

Is-sistema għandha titħaddem il-ħin kollu fiż-żmien li l-bini jkun okkupat.

**100.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*f*), (*g*), (*h*), (*i*), (*j*), (*k*), (*m*) u (*n*) (vii) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97 igħoddu wkoll għal djar li kienu jinsabu ġa mibnija qabel l-ewwel ta' Jannar ta' l-elf tmien mija u tmenin.

Xi disposizzjonijiet ta' l-art. 97 igħoddu għal djar mibnija qabel l-ewwel ta' Jannar, 1880.
*Emendat: XVI. 1931.21; XXIX. 1935.3; L. 1974.4.*

(2) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*e*) ta' l-istess artikolu jgħoddu wkoll għal dawk id-djar, meta l-kmamar jew it-taraġ jistgħu, mingħajr ma jinħattu għal kollox, isiru skond dawk id-disposizzjonijiet u l-ispiża fil-fehma ta' arkitett maħtur mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, ma tkunx iżjed minn sena kera jew iżjed milli d-dar tista' ġġib kera f'sena; f'kull każ bħal dan, is-sid jista' jagħmel ix-xogħol meħtieġ ma' tul żmien erba' snin, kemm-il darba x-xogħol ikun jista' jitqassam billi f'kull sena jagħmel daqshekk xogħol kemm ikun jista' jsir għall-anqas bi kwart tal-kera jew ta' kemm iġib il-kera, u jibda u jissokta x-xogħol skond it-tmexxija ta' l-arkitett fuq imsemmi:

Iżda, s-sid jista' jitlob illi x-xogħol jiġi magħmul mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, billi jħallas lil dan bil-quddiem somma daqs kemm tkun l-istima magħmula mill-arkitett imsemmi hawn fuq, mingħajr ebda obbligu li jżid magħha, jekk dik is-somma ma tkunx biżżejjed, u mingħajr ebda jedd li jitlob lura l-bqija, jekk dik is-somma tkun iżjed milli fil-fatt ikun intefaq.

(3) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jordna, f'kull żmien, illi d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu u ta' kull regolament magħmul taħt l-artikolu 102, igħoddu, sa fejn jistgħu jgħoddu, għal kull dar jew biċċa minn dar fihom imsemmija.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 97, minbarra l-paragrafu (*l*) tas-subartikolu (1) tiegħu, igħoddu għal dawk id-djar, sa fejn jirrigwardaw il-biċċa mid-dar li tkun sejra tinbena mill-ġdid, kemm-il darba l-awtorità sanitarja ma tiddispensax milli jiġu

mħarsa id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu hawn fuq imsemmi.

Regoli dwar djar mibnija wara l-ewwel ta’ Jannar, 1880.
*Miżjud: XVI. 1931.22.*
*Emendat: XXIX. 1935.4.*

**101.** (1) Is-sid ta’ dar mibnija wara l-ewwel ta’ Jannar ta’ l-elf tmien mija u tmenin, għandu dejjem iżomm dik id-dar skond il-pjanta li tkun fil-bidu ġiet approvata mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, mingħajr ma jagħmel ebda żieda jew tibdil fiha ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub ta’ l-imsemmi Suprintendent.

(2) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista’ jordna, f’kull żmien, illi, f’kull dar bħal din jew biċċa minn dik id-dar, isir xogħol li, sakemm jista’ jkun, iġibha skond kull disposizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ regolament magħmul taħt l-artikolu 102.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel regolamenti.
*Emendat: XVI. 1931.23, 24; XXIX. 1935.5; I. 1959.8; A.L. 4 tal-1963; L. 1974.5; XI. 1977.2.*

**102.** (1) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara li jisma’ l-Bord tas-Servizzi Ġenerali, jista’ jagħmel regolamenti dwar kif għandhom jiġu esegwiti d-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 97 u 100, u dwar il-materjali li għandhom jiġu wżati.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jista’ jagħmel regolamenti biex jipprovdu -

(*a*) għal faċilitajiet li jsiru favur sidien ta’ djar biex iħarsu d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*g*) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 97 ta’ dan il-Kodiċi;

(*b*) għas-setgħa tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li jagħmel arranġamenti u jagħmel ftehim ma’ l-imsemmija sidien dwar dawk il-faċilitajiet, magħduda l-kontribuzzjoni, jekk il-każ, mill-Gvern dwar parti mill-ispiża li jkollha ssir għal dak it-tħaris;

(*ċ*) għalbiex jiġi stabbilit it-tqassim bejn id-diversi sidien ta’ l-ispiża li jkollha hekk issir;

(*d*) għas-setgħa ta’ kull sid ta’ dar li, wara arranġamenti magħmula mad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, ikun qiegħed parti mid-drenaġġ pubbliku, sabiex jitlob mingħand is-sid ta’ kull dar oħra li l-loki tagħha jkun ikkumnikat, jew għandu jkun ikkumnikat ma’ dak id-drenaġġ, dik il-parti mill-ispiża li l-ewwel sid ikun għamel hekk kif ikun stabbilit kif intqal qabel;

(*e*) għal kull ħaġa oħra konsegwenzjali dwar jew inċidentali għal dak it-tħaris.

Kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżi mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

(3) Meta tinqala’ kwistjoni dwar jekk xogħol ikunx ġie magħmul skond id-disposizzjonijiet jew ir-regolamenti hawn fuq imsemmijin, dik il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

Appell lill-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

(4) Fil-każijiet kollha jista’ jsir appell lill-Bord tas-Servizzi Ġenerali minn kull ordni jew deċiżjoni ta’ l-awtorità sanitarja, fi żmien xahar minn dak in-nhar li l-ordni jew deċiżjoni jiġu mgħarrfa lill-persuna interessata. Jekk il-Bord tas-Servizzi Ġenerali jwettaq l-ordni jew id-deċiżjoni ta’ dik l-awtorità, l-appellant għandu jħallas lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, kemm-il darba jkunu saru laqgħat barranin mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, somma daqs kemm tkun l-ispiża, jiġifieri, dwar il-ħlas li jmiss lill-membri tal-

bord għal kull laqgħa li ssir dwar dak l-appell u għall-ispejjeż tat-trasporti, meta xi wieħed minn dawk il-membri jew iżjed ikunu marru eżaminaw il-post.

(5) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jġib għad-deċiżjoni quddiem il-Bord tas-Servizzi Ġenerali kull kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' bini u djar għall-abitazzjoni.

Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jġib il-kwistjoni quddiem il-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

(6) Mid-deċiżjoni tal-Bord għas-Servizzi Ġenerali jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell, fi żmien xahar minn dak in-nhar li d-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lill-parti interessata; dan l-appell isir b'rikors f'kostestazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Appell mid-deċizjoni tal-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

**103.** (1) Is-sid huwa responsabbli għal kull kontravvenzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 97 u 100 jew tar-regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-aħħar artikolu qabel dan, kemm-il darba ma jkunx hemm imqabbad arkitett jew bennej għat-tmexxija tax-xogħol, u l-kontravvenzjoni ma tkunx saret, b'fatt tas-sid f'liema każ huwa responsabbli l-arkitett jew il-bennej, jew it-tnejn, skond ma jkun il-każ.

Responsabbiltà kriminali tas-sid, arkitett jew bennej.
*Emendat: XVI. 1931.25; XII. 1938.3.*

(2) Fil-każ tal-kontravvenzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, igħoddu kontra l-kontravventur id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 321, u s-sid ma jistax jopponi t-tneħħija ta' l-inkonvenjent jew l-esekuzzjoni ta' kull ordni ieħor tal-qorti, għalkemm hu ma jkunx parti fil-kawża.

Is-sid ma jistax jopponi l-esekuzzjoni ta' l-ordni tal-qorti.

(3) Kull oppożizzjoni mis-sid għall-esekuzzjoni ta' xogħol ordnat mill-qorti, hija b'kontravvenzjoni u taqa' taħt il-pieni skond dan il-Kodiċi.

L-oppożizzjoni hija kontravvenzjoni.

(4) Meta xogħol ordnat b'sentenza tal-qorti ma jkunx sar minħabba l-mewt tas-sid jew is-safar tiegħu minn Malta inkella minħabba l-mewt jew is-safar tal-persuna responsabbli, jew minħabba li dan is-sid jew persuna responsabbli għal raġuni jew oħra, ma jkunux baqgħu l-proprjetarji jew l-amministraturi tal-proprjetà li fiha għandu jsir ix-xogħol, il-persuna li f'idejha tgħaddi l-proprjetà jew l-amministrazzjoni ta' din il-proprjetà hija obbligata tagħmel dak ix-xogħol daqs li kieku kienet il-persuna li kontra tagħha ġiet mogħtija s-sentenza hawn fuq imsemmija.

Meta x-xogħol ma jsirx minħabba l-mewt, eċċ., tas-sid, eċċ.

**104.** (1) Is-sid ta' dar, li minnha l-materjal illi jmur fil-loki jew f'sink, jew f'kanali oħra ta' ilma maħmuġ, jibqa' sejjer fid-drenaġġ pubbliku jew fil-fossa minn ġewwa kanali magħmulin jew imqegħdin taħt dar oħra, għandu, meta fil-fehma ta' l-awtorità sanitarja hija ħaġa li tista' ssir, jeħles lil din id-dar minn din is-servitù billi jagħmel kanali oħra li jieħdu l-materjal maħmuġ direttament f'dak id-drenaġġ jew fossa; u meta d-djar ma jkunux ta' sid wieħed, l-ispiża totali għandha titqassam bejn is-sidien tad-djar f'ishma li, f'kull każ, jiġu stabbiliti mill-qorti.

Dmir ta' sid ta' dar li jeħles id-dar ta' ħaddieħor minn servitù minħabba kanali li jkunu jagħtu għad-drenaġġ.
*Emendat: XVI. 1931.26; IX. 1982.2.*

(2) Is-sid jew id-detentur tal-parti ta' fuq ta' dar għandu jħalli li jsiru, min-naħa t'isfel tad-dar sa fuq il-bejt tagħha, il-ventilaturi meħtieġa skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 97, u s-sid jew id-detentur tal-parti t'isfel tad-dar għandu jħalli jsiru, f'dik in-naħa tad-dar, katusi jew kanali ta' kumnikazzjoni min-naħa ta' fuq għal

Dmir tas-sid jew ta' min joqgħod fil-parti ta' fuq ta' dar,

jew fil-parti t'isfel ta' dar,

mad-drenaġġ pubbliku.

jew ta' dar qrib.

(3) Is-sid jew id-detentur ta' dar għandu wkoll iħalli illi l-ventilaturi ta' dar qrib jiġu mwaħħlin mal-ħitan tad-dar tiegħu, sabiex dawk il-ventilaturi jista' jkollhom il-għoli illi l-awtorità sanitarja jidhrilha meħtieġ.

Il-kanali, eċċ., għandhom jitqiegħdu b'mod illi jkunu ta' l-anqas xkiel.

(4) Fil-każijiet kollha, il-kanali, il-katusi, jew il-ventilaturi għandhom isiru jew jitqiegħdu b'mod illi jkunu ta' l-anqas xkiel għal min joqgħod fid-dar, jew f'parti tad-dar, illi fiha jkunu saru jew tqiegħdu, u ta' l-anqas ħsara lid-dar jew lil dik il-parti tad-dar.

Meta jkun hemm lok għall-ħlas ta' ħsara.

(5) Meta l-kanali, il-katusi jew il-ventilaturi msemmijin hawn fuq, ma jnaqqsux il-valur tad-dar jew ta' dik il-parti tad-dar li fiha jkunu saru jew tqiegħdu, ma jkunx hemm lok għall-ħlas ta' danni ħlief għal dawk it-tiswijiet li jkunu jinħtieġu minħabba t-tqegħid ta' dawk il-kanali, katusi jew ventilaturi:

Iżda l-fatt biss li tkun ġiet maħluqa servitù taħt dan l-artikolu ma jagħti jedd għall-ebda indennizz.

It-talba għall-indennizz m'hix raġuni sabiex jitwaqqaf ix-xogħol.

(6) Is-sid jew detentur ma jista' f'ebda każ jitlob li jitwaqqfu x-xogħlijiet hawn fuq imsemmija, minħabba l-jedd li jista' jkollu għal xi indennizz.

Is-sid għandu jħalli lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li jwaħħal ventilaturi tad-drenaġġ pubbliku, mal-ħajt jew ġewwa l-ħajt ta' barra tad-dar. *Emendat: XVII. 1893.12; I. 1959.8.*

**105.** Is-sid jew id-detentur ta' dar għandu jħalli lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li jwaħħal mal-ħajt ta' barra ta' dik id-dar, dak il-ventilatur tad-drenaġġ pubbliku, illi l-Bord tas-Servizzi Ġenerali jidhirlu li hu meħtieġ, jew jekk, minħabba d-dieq tat-triq jew għal raġuni oħra, id-Direttur hawn fuq imsemmi jidhirlu spedjenti, li jdaħħal dan il-ventilatur, kollu jew biċċa minnu, ġewwa dak il-ħajt; f'dan il-każ, dwar l-indennizz igħoddu d-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan.

Dar mhix tajba għall-abitazzjoni. *Emendat: XVI. 1931.27. Sostitwit: II. 1957.2.*

**106.** Is-sid ma jistax juża jew iħalli lil min juża għall-abitazzjoni ebda fond li ma jkollux loki regolari jew li fil-fehma tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika huwa daqshekk ħażin għas-saħħa li ma jkunx tajjeb għall-abitazzjoni:

Iżda nuqqas ta' tħaris mis-sid ta' dan l-artikolu ma għandux iġib jew jitqies li f'xi żmien qabel ikun ġieb kontra l-kerrej jew id-detentur xi nullità ta' ftehim ta' kera jew ta' okkupazzjoni jew jagħti jedd lis-sid li jkeċċi lill-kerrej jew detentur kemm-il darba s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma jiċċertifikax illi l-fond ma jistax jiġi provdut b'loki jew jiġi magħmul tajjeb għall-abitazzjoni. Dan in-nuqqas ta' tħaris ma għandux jolqot l-obbligazzjonijiet tas-sid skond il-paragrafu (*g*) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97 jew xi disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi.

Kantina wżata għall-abitazzjoni. *Emendat: XXIX. 1935.6.*

**107.** Ħadd ma jista' juża, jew iħalli lil min juża, għall-abitazzjoni, ebda kantina, maqtugħa għaliha mill-bini li tagħmel miegħu, illi tkun inbniet jew inbniet mill-ġdid wara l-ewwel ta' Jannar ta' l-elf tmien mija u tmenin, jew illi, ma' tul is-sena ta' qabel dik id-data, ma kienet qatt użata għall-abitazzjoni:

Iżda, ħadd ma jista' juża kantina għall-irqad.

Kondizzjonijiet sabiex kantina tiġi wżata għall-abitazzjoni.
*Emendat: XV. 1920.3; I. 1959.8.*

**108.** (1) Ħadd ma jista', ħlief b'liċenza mill-awtorità sanitarja, jużа, jew iħalli lil min jużа, għall-abitazzjoni, ebda kantina, maqtugħa għaliha mill-bini li tagħmel miegħu, għalkemm tkun inbniet qabel l-ewwel ta' Jannar ta' l-elf tmien mija u tmenin, u kienet użata, sa dak iż-żmien, għall-abitazzjoni.

(2) Dik il-liċenza ma tiġix mogħtija ħlief -

(*a*) meta l-kantina, mill-art sat-travi li jżommu s-saqaf tagħha, jew, meta s-saqaf huwa fuq il-ħnejjiet, sa nofs il-għoli ta' kull ħnejja, tkun għolja mhux anqas minn żewġ metri, u għall-anqas metru 'l fuq mill-invell tat-triq li tmiss magħha; u

(*b*) meta l-kantina għandha l-bieb tad-dħul mit-triq, jew għall-anqas tieqa għat-triq, ta' mhux anqas minn wiċċ ta' metru kwadru; u

(*ċ*) meta l-kantina għandha żewġ kmamar jew iżjed, u kull kamra għandha l-bieb tad-dħul jew it-tieqa, kif imsemmija hawn fuq; u

(*d*) meta bejn it-triq u l-ħajt ta' barra tal-kantina, tul il-faċċata kollha ta' dak il-ħajt, minn ħmistax-il ċentimetru aktar 'l isfel mill-invell ta' l-art tal-kantina sa l-invell ta' wiċċ it-triq, ikun hemm spazju vojt għal kollox, ta' mill-anqas tletin ċentimetru wiesgħa, u ikkumnikat, jekk fil-fehma ta' l-awtorità sanitarja jkun jinħtieġ, mal-kanal pubbliku, sabiex ma jżommx ilma ġewwa fih; - meta l-art ta' dak il-vojt u l-ħajt ta' barra tal-kantina sal-għoli ta' mill-anqas tletin ċentimetru mill-invell ta' l-istess art, ikunu miksijin bl-asfalt jew b'materjal ieħor li minnu ma jinfidx l-umdu, approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali; - meta dan il-vojt, f'żewġ naħiet jew iżjed tat-tul tiegħu, kif tordna l-awtorità sanitarja, u li meħudin flimkien ikunu jagħmlu mill-anqas nofs it-tul ta' dan il-vojt, ikun imgħotti biss bi gradi tal-ħadid illi, fil-fehma ta' dik l-awtorità, ikunu jħallu tidħol l-arja bla ebda xkiel; - meta kull naħa oħra tal-kantina, li ma tkunx kollha kemm hija ħajt bejn il-kantina nfisha u kamra oħra jew bitħa, hija magħmula jew miksija, sa mhux anqas minn għaxar ċentimetri 'l fuq mill-wiċċ tal-blat jew tal-materjal ta' dik in-naħa, b'wieħed mill-materjali msemmija hawn fuq; - meta f'kull ħajt, ta' ġewwa jew ta' barra, ikun hemm saff ta' dan il-materjal, u illi l-wiċċ tiegħu ta' fuq ikun mill-anqas ħamsa u għoxrin millimetru 'l fuq mill-wiċċ ta' l-art tal-kantina; u

(*e*) meta l-art tal-kantina tkun miksija b'saff ta' asfalt, jew konkos tas-sement idrawliku jew materjal ieħor approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, li jkun jissokta mas-saff ta' materjal li minnu ma jinfidx l-umdu tal-ħitan; u

(*f*) meta l-kantina jkollha l-ventilaturi illi l-awtorità sanitarja jidhrilha meħtieġa għat-tibdil ta' l-arja, ukoll jekk tkun bil-bibien u t-twieqi magħluqa.

Ix-xogħol sabiex isir l-ispazju vojt bejn il-kantina użata għall-abitazzjoni u t-triq, jista' jsir mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi. *Emendat: XVII. 1893.12; XVI. 1931.28.*

**109.** (1) L-ispazju vojt imsemmi fil-paragrafu (*d*) tas-subartikolu (2) ta' l-aħħar artikolu qabel dan, jista' jsir fit-triq, kemm-il darba min jitlob il-permess lid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, jagħti l-kunsens tiegħu sabiex ix-xogħol isir, bi spejjeż tiegħu, mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u jqiegħed, f'idejn dan, is-somma, li, fuq l-istima ta' tliet arkitetti, tnejn maħturin mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi u ieħor minn min jagħmel it-talba, tkun tinħtieġ għall-ispiża biex isir dak il-vojt, biex jinkesa u jitkaħħal kif jitlob il-paragrafu hawn fuq imsemmi, biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa għas-saħħa tat-triq, u sabiex il-wiċċ tat-triq jerġa' jitqiegħed mill-ġdid bħal ma kien qabel ma nbeda x-xogħol, mingħajr obbligu ta' min jagħmel it-talba li jħallas ebda żieda jekk dik is-somma wara ma tinsabx biżżejjed, jew ebda jedd għall-ħlas lura lilu tal-bqija, jekk dik is-somma tkun iżjed minn dik li fil-fatt tkun intefqet.

(2) Id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi m'hux obbligat jagħti l-permess hawn fuq imsemmi għall-wisa' ta' iżjed minn tletin ċentimetru.

Għal kerrejja hija meħtieġa l-liċenza mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika. *Emendat: XV. 1920.4; XVI. 1931.29, 30; I. 1959.8.*

**110.** (1) Is-sid ta' kerrejja jew ta' biċċa minn kerrejja ma jistax iħalli li jsir użu għall-abitazzjoni minn ebda kamra jew appartament f'dik il-kerrejja mingħajr qabel ma jkollu liċenza mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Kondizzjonijiet.

(2) Din il-liċenza ma tiġix mogħtija kemm-il darba s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ma jkunx sodisfatt illi l-istat tal-bini ta' dik id-dar huwa tajjeb, li l-kondizzjoni tagħha hija iġjenika, u li għandha drenaġġ regolari u kumditajiet sanitarji biżżejjed, u provvista kif imiss ta' ilma tajjeb.

Dmirijiet tas-sid.

(3) Huwa dmir tas-sid ta' kull kerrejja li jżomm dejjem dik id-dar u kull parti tagħha fi stat tajjeb ta' bini u f'kondizzjoni iġjenika tajba, bi drenaġġ regolari u kumditajiet sanitarji biżżejjed, u provvista kif imiss ta' ilma tajjeb, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità sanitarja, u, meta din l-awtorità hekk tordnalu, għandu jagħlaq bil-ġebel il-bokka tal-bir u jagħmel pompa bil-kanni tal-ħadid jew ta' materjal ieħor approvat mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

Kerrejja ddikjarata mhix tajba għall-abitazzjoni.

(4) Ħadd ma jista' juża għall-abitazzjoni ebda kamra, appartament jew parti ta' kerrejja, illi l-awtorità sanitarja tkun iddikjarat li m'humiex tajba għal dak l-użu.

Numru li għandu jitpinġa fuq il-bibien tad-dħul tal-kmamar.

**111.** (1) Is-sid ta' kerrejja għandu jpinġi u jżomm fi stat li jista' jinqara, numru fuq il-bieb tad-dħul ta' kull kamra jew appartament mikrija, jew għall-kiri, kull waħda jew kull wieħed għalih; u kull kamra jew appartament għandhom ikunu mniżżlin fuq il-liċenza bin-numru tagħhom.

(2) Ħadd ma jista' jgħarraq, iħassar, jew ibiddel in-numru ta' ebda wieħed minn dawn il-bibien.

**112.** Ebda kamra f'kerrejja jew f'appartament f'kerrejja ma tista' tiġi wżata għall-abitazzjoni ta' numru ta' nies f'iżjed mil-limiti msemmijin hawn taħt, jiġifieri -

Numru ta' persuni li jistgħu joqogħdu fil-kmamar ta' kerrejja. *Emendat: XV. 1920.5; XVI. 1931.31.*

(*a*) jekk il-kamra għandha mill-anqas il-għoli imsemmi fil paragrafu (*d*) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97, irid ikollha wiċċ ta' mill-anqas tlieta punt sebgħa ħamsa metri kwadri għal kull persuna ta' età akbar minn seba' snin, u ta' tnejn punt sebgħa ħamsa metri kwadri għal kull persuna ta' età ta' seba' snin jew anqas; jew

(*b*) jekk il-kamra għandha għoli anqas, irid ikollha wiċċ ta' mill-anqas erbgħa punt sebgħa ħamsa metri kwadri fl-ewwel każ u ta' tlieta punt sebgħa hamsa metri kwadri fit-tieni każ.

**113.** (1) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 106, 107, 108, 110, 111 u 112, kull min, taħt kull titolu li jkun, jagħti lil ħaddieħor it-tgawdija ta' kantina, kamra jew appartament, jitqies li ħalla li dawk jiġu wżati għall-abitazzjoni, jew għall-abitazzjoni ta' persuni f'numru akbar minn dak imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk ma jippruvax illi hu kien wissa espressament lill-kerrej jew konċessjonarju ieħor, sabiex ma jagħmilx dak l-użu minnhom.

Preżunzjoni *juris tantum* kontra persuni li jagħtu b'kiri kantini, eċċ. *Emendat: XV. 1920.6.*

(2) Fil-każ ta' kerrejjiet, din it-twissija tingħadd li saret, kemm il-darba fuq il-bieb ikun hemm imwaħħal avviż b'dik it-twissija, miktub b'mod li jista' jinqara.

(3) F'każ ta' reċidiva tas-sid, il-qorti tista', barra milli tagħti l-piena stabbilita f'dan il-Kodiċi, tordna l-egħluq tal-kantina, kamra jew appartament għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u ta' mhux iżjed minn sena, u jekk il-qorti jidhrilha meħtieġ, tista' tordna illi l-bibien tal-kantina, kamra jew appartament jiġu mbarrati bi spejjeż tas-sid.

Setgħat tal-qorti f'każ ta' reċidiva.

(4) Fil-każ ta' kerrejjiet, jingħadd li hemm reċidiva, sew jekk il-kontravvenzjoni ta' qabel tkun saret kemm ukoll jekk ma tkunx saret dwar l-istess kamra jew appartament.

**114.** (1) Is-sid ta' dar għandu, fi żmien sebat ijiem minn avviż tal-Pulizija, ipinġi fuq kull bieb ta' barra, in-numru li jkun imiss lil dak il-bieb, skond in-numri tal-bibien l-oħra, meta jkun hemm, fl-istess triq; u, meta jkun meħtieġ li jimmarka żewġ bibien jew iżjed bl-istess numru, huwa għandu jżid ma' kull numru mtenni, ittra ta' l-alfabet, fl-ordni ta' l-alfabet, billi jibda mill-ewwel ittra; huwa għandu wkoll jagħmel mill-ġdid in-numru, jew, kif ikun il-każ, l-ittra fuq imsemmija, meta dak in-numru jew ittra ma jkunux jistgħu izjed jinqraw faċilment.

Numrar tal-bibien ta' barra tad-djar.

(2) Kull numru jew ittra għandhom ikunu ta' kobor mhux anqas minn dak ordnat mill-Pulizija.

Kobor tan-numri, eċċ.

(3) Ħadd ma jista' jgħarraq jew iħassar in-numru jew l-ittra ta' ebda bieb.

Numru, eċċ., ma jistax jiġi mgħarraq.

Tibdil tan-numri tal-bibien ta' triq.
*Emendat:*
*XVII. 1893.12;*
*A.L. 4 tal-1963*

Hruġ ta' l-ordni dwar it-tibdil tan-numri.

**115.** Meta, minħabba l-bini ta' djar ġodda, jew il-ftuħ ta' bibien ġodda, jew għal raġunijiet oħra, il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jordna li jiġu mbiddlin in-numri tal-bibien tad-djar ta' triq, jew li jiġi mogħti isem ġdid lil biċċa minn triq, kull ordni bħal dan għandu jiġi maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, b'Notifikazzjoni tal-Gvern, jew b'avviż iffirmat mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi; u fil-każ il-wieħed u l-ieħor, meta jkunu tbiddlu n-numri, f'din in-Notifikazzjoni jew avviż għandhom jiġu msemmijin in-numri ta' qabel tal-bibien tad-djar, kif wkoll in-numri li jkunu saru flokhom.

Il-knejjes, eċċ., m'humiex suġġetti li jiġu immarkati bin-numri.

**116.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 114 ma jgħoddux għal knejjes jew bini ieħor mibni u ddestinat għal dejjem għall-qima t'Alla.

Dmir tas-sid li jżomm il-bir eċċ., fi stat tajjeb ta' tiswija,
*Emendat:*
*II. 1890.4;*
*XVI. 1931; 32;*
*XXIX. 1935.7.*

**117.** (1) Hu dmir tas-sid ta' bini li jżomm fi stat tajjeb ta' tiswija, il-bir, il-loki, is-sink jew spurgatur ieħor ta' l-ilma maħmuġ, il-fossa, jekk ikun hemm, kif ukoll il-katusi tagħhom jew mezzi oħra ta' kumnikazzjoni u l-ventilaturi msemmijin f'dan il-Kodiċi.

u li ma jħalli ebda materjal jiskula jew inixxi.

(2) Hu dmir tiegħu wkoll li jagħmel dak kollu li jinħtieġ biex ebda materjal ma jiskula jew inixxi minn loki, sink, jew spurgatur ta' ilma maħmuġ jew mill-fossa, jew mill-katusi jew kanali tagħhom, u biex ma jkun hemm ebda ħaġa li tagħti fastidju fil-bini tiegħu nnifsu jew ta' ħaddieħor.

L-ispiża għall-ftuħ ta' sadd mis-sifun, eċċ., ibatiha d-detentur tad-dar.

(3) Iżda, l-ispiża tal-ftuħ ta' sadd fis-sifun li jaqta' id-drenaġġ tad-dar mid-drenaġġ pubbliku jew fil-katusi li jgħaqqdu l-loki mad-drenaġġ pubbliku, u l-ispiża tat-tnaddif ta' kull katusa jew kanal minħabba dak is-sadd, ibatiha d-detentur tad-dar, jekk ma jiġix ippruvat illi s-sadd kien minn qabel li hu mar joqgħod fid-dar, jew li sar minħabba li d-drenaġġ kien magħmul ħażin, inkella li l-kanali huma komuni għal iżjed minn fond wieħed.

Dmir ta' detentur ta' bini, eċċ., li jżomm fi stat tajjeb irpar fuq bir miftuħ, eċċ.
*Emendat:*
*XI. 1910;4;*
*XVI. 1931.33.*

**118.** (1) Hu dmir tad-detentur ta' bini jew fond ieħor li jżomm dejjem fi stat tajjeb, kull bir, ġiebja jew fossa miftuħa, ħerża jew ċint biżżejjed qawwi u għoli mhux anqas minn metru.

(2) Id-detentur ta' bini jew fond ieħor m'għandu qatt iwarrab il-ħerża jew ċint, ħlief meta huwa meħtieġ sabiex l-ilma jista' jintrefa' iżjed bil-ħeffa minn ġol-bir, ġiebja jew fossa, jew għal xi bżonn ieħor, u, f'dan il-każ, huwa dmir tiegħu li jarġa' jqiegħed il-ħerża jew ċint hekk kif jispiċċa jew jieqaf mill-mili jew xogħol ieħor.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-biedja li jagħmel regolamenti fuq it-tħaris ta' siġar.
*Miżjud:*
*XV. 1920.7.*
*Emendat:*
*XIV. 1958;*
*A.L. 4 tal-1963.*

**119.** Il-Ministru responsabbli għall-biedja, bil-parir tal-Bord tal-Biedja, jista' jagħmel, ibiddel jew iħassar regolamenti dwar kif għandhom jinżammu u jiġu kkultivati s-siġar tal-ħarrub kif ukoll kull xorta oħra ta' siġar kif il-Kamra tad-Deputati tistabbilixxi bil-mezz ta' riżoluzzjoni.

**120.** (1) Ħadd ma jista', mingħajr il-kunsens tas-sid, jew, meta d-dar hija okkupata minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tad-detentur, jagħmel ebda ħaġa li biha jħammeġ xi parti tan-naħa ta' barra tad-dar, jew it-tibjid tagħha, jew idendel jew iwaħħal ma' dik il-parti tad-dar, karti jew xi ħaġ'oħra.

Ħsarat fin-naħa ta' barra ta' djar ħaddieħor. *Emendat: IV. 1912.3.* Twaħħil ta' karti f'xi parti tan-naħa ta' barra ta' dar,

(2) Ħadd ma jista' lanqas idendel jew iwaħħal karti jew ħwejjeġ oħra f'ebda lok, meta dan ikun ġie ipprojbit espressament mis-sid, jew, skond il-każ, mid-detentur.

jew f'xi lok ieħor.

**121.** (1) Id-detentur ta' dar, jew, meta ma jkunx hemm detentur, is-sid, għandu jżomm nadifa kull parti tad-dar, sew minn ġewwa kemm minn barra.

Id-detentur, eċċ., għandu jżomm nadifa kull parti tad-dar. *Emendat: VI. 1881.2; II. 1890.5; XVI. 1931.34, 35,36; XII. 1938.4; XIV. 1958; A.L. 4 tal-1963; II. 1968.2; XI. 1977.2.*

(2) (i) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, ħadd ma jista' jitfa' jew jarmi jew jiddepożita f'gozz xi żibel jew fdal jew iżomm jew iħalli li jinżamm f'xi lok ġmiegħ ta' żibel jew ta' fdal, jew ta' ilma maħmuġ, imniġġes jew qiegħed, jew ta' materjal maħmuġ, ta' ħmieġ ta' bhejjem jew ħmieġ ieħor:

Ħadd ma jista' jżomm ġmiegħ ta' żibel.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal xi żibel mitfugħ jew mormi jew depożitat f'gozz minn xi kennies jew persuna li tiġbor iż-żibel fl-impieg tal-Gvern, fl-eżerċizzju xieraq tad-dmirijiet tagħha, f'xi post provdut għal hekk mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jew għal xi żibel miżmum f'xi post tali.

(ii) Ħadd ma jista' jarmi jew jiddepożita f'gozz jew iżomm jew iħalli li jiġi mormi jew depożitat f'gozz xi materjal ieħor f'xi spazju fil-beraħ jekk dan l-ispazju ma jkunx imdawwar b'ħajt għoli mill-anqas tnejn punt ħamsa metri u ma jkollux liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija, li, meta jagħti liċenza tali, jista' jimponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa:

Iżda ebda liċenza bħal dik ma għandha tingħata jekk ir-rimi jew id-depożitu f'gozz ta' dak il-materjal ma jkunx jifforma parti min-negozju ta' l-applikant.

(3) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jordna li kull ġmiegħ bħal dan li, fil-fehma tiegħu, jista' jagħti fastidju jew ikun ta' ħsara għas-saħħa jew isir lok fejn ibejtu u jinġemgħu ġrieden, insetti u dud ieħor li huwa ta' ħsara għas-saħħa, jiġi minnufih imneħħi jew meqrud jew li jsir minnu b'mod, jew li jiġi ittrattat b'mod, li jitneħħa l-fastidju jew li ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa.

Setgħa tas-Supritendent tas-Saħħa Pubblika li jordna t-tneħħija jew il-qerda ta' ġmiegħ ta' żibel.

Detentur, eċċ., illi jonqos li jesegwixxi l-ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(4) Jekk id-detentur jew is-sid, skond il-każ, jonqos li jesegwixxi ordni tas-Suprintendent hawn fuq imsemmi, huwa jkun ħati ta' kontravvenzjoni u l-qorti tordna li dak il-ġmiegħ jiġi minnufih meqrud jew li jsir minnu inkella li jsir fih proċess b'mod li jissodisfa lis-Suprintendent fuq imsemmi, mingħajr ebda jedd tad-detentur jew tas-sid għal kumpens, u meta l-kontravvenzjoni tkun dwar spazju fil-beraħ f'post abitat, il-qorti tista' tordna lill-ħati li jagħlaq dan l-ispazju billi jtalla' u jżomm madwaru ħajt jew irpar ieħor tajjeb ta' għoli mhux anqas minn tnejn punt ħamsa metri.

Meta l-kontravvenzjoni hija dwar spazju fil-beraħ.

Meta sid l-ispazju fil-beraħ ma jkunx magħruf, eċċ.

(5) Meta s-sid ta' dak l-ispazju fil-beraħ ma jkunx magħruf jew ikun nieqes minn Malta, il-qorti, fuq rikors tal-Pulizija, tista' tawtorizza lill-Gvern li jtalla' dak il-ħajt jew irpar għad li ma jkun hemm ebda kundanna kontra dak is-sid, u l-ispejjeż li jsiru għal daqshekk jistgħu jintalbu lura bħala dejn ċivili.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel regolamenti.

(6) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' jagħmel regolamenti dwar dawn il-ħwejjeġ li ġejjin:

(*a*) għall-eżami ta' djar u postijiet oħra;

(*b*) għat-tneħħija minn djar jew postijiet oħra ta' żibel u ta' fdal jew ta' ilma maħmuġ, qiegħed jew imniġġes, jew ta' materjal maħmuġ, ta' ħmieġ ta' annimali jew ħmieġ ieħor;

(*ċ*) għal kull ħaġa li għandha x'taqsam maż-żamm u tneħħija ta' dan il-materjal jew likwidu, u ma' x'għandu jsir minnu;

(*d*) għat-tindif ta' lokijiet u fosos ta' fondi;

(*e*) biex jobbliga għal dan it-tindif lid-detentur jew sid ta' dawn il-fondi; u

(*f*) b'mod ġenerali, għat-tmexxija sewwa tas-servizz li jista' jiġi stabbilit dwar waħda jew oħra mill-ħwejjeġ imsemmijin hawn fuq.

Tfixkil.

(7) Jekk persuna tfixkel lil persuna oħra inkarigata mill-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, il-qorti kompetenti tista', fuq rikors tal-Pulizija, toħroġ mandat, li bih tawtorizza l-użu tal-forza għall-esekuzzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet.

Materjal biex minnu jsir demel. *Emendat: XV. 1920.9; XII. 1938.5.*

**122.** (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jagħti permess sabiex jinżamm materjal biex isir demel f'dawk il-postijiet, għal dak iż-żmien u taħt il-kondizzjonijiet illi huwa jidhirlu meħtieġa sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent jew ħsara għas-saħħa.

Nuqqas ta' tħaris ta' l-ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(2) Meta l-persuna responsabbli tonqos li tħares l-ordni tas-Suprintendent fuq imsemmi, biex ma jkunx hemm inkonvenjent jew ħsara għas-saħħa, hija ssir ħatja ta' kontravvenzjoni, u l-materjal li jagħti dak l-inkonvenjent jew li jagħmel dik il-ħsara għandu jsir minnu skond id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan.

**123.** Is-sid u l-*manager* ta' stabbiliment ta' banjijiet għandhom iżommu fi stat tajjeb ta' ndafa u kif jixraq il-kmamar, kull parti ta' l-istabbiliment, il-lokijiet, il-banjijiet u l-armar tagħhom, il-mobbli, it-tagħmir, l-affarijiet tat-twaletta, ix-xugamani u l-bjankerija u lbies li minnhom isir użu f'dak l-istabbiliment.

Dmirijiet tas-sid u *manager* ta' stabbiliment ta' banjijiet. *Miżjud: XV. 1920.8.*

**124.** Is-sid jew id-detentur ta' dar huwa obbligat ibajjad u jiddisinfetta dik id-dar, fi żmien xieraq, skond il-kobor tad-dar, kull meta hekk jiġi ordnat mill-awtorità sanitarja, sabiex tiġi evitata jew ma tixxerridx marda illi, fil-fehma tal-Bord tas-Servizzi Ġenerali, tkun imxija jew li tista' tittieħed b'kontaġju jew b'infezzjoni, bla ħsara tal-jedd ta' regress li jista' jkollha l-persuna li tagħmel l-ispiża meħtieġa kontra l-persuna l-oħra, skond il-liġi.

Dmir tas-sid jew tad-detentur li jbajjad id-dar meta ordnat mill-awtorità sanitarja. *Emendat: XV. 1920.10; I. 1959.8.*

**125.** (*Mħassar bl-Att XXV.2001.50.*)

Ma jistgħux jinżammu bhejjem tal-fart, eċċ., f'kerrejjiet, *Emendat: XIV. 1885.1; XI. 1910.5; XIX. 1926.8; XVI. 1931.37,38; XXXVII. 1937. 2.*

**126.** (1) Ħadd ma jista', mingħajr liċenza ta' l-awtorità sanitarja, illi tiswa mhux aktar minn sena, iżomm f'ebda fond ġewwa l-limiti msemmijin fis-subartikolu (2) ta' l-aħħar artikolu qabel dan, ebda bhima tal-fart, jew ebda ħanżir, mogħża, nagħġa, żiemel, bagħal jew ħmar.

Projbizzjoni li jinżammu bhejjem tal-fart eċċ., f'xi postijiet mingħajr liċenza ta' l-awtorità sanitarja. *Emendat: XIV. 1885.2; XI. 1910.5; XV 1920.11,12; XVI. 1931.39, 40,41; XII. 1938.6; XIV. 1958.4; I. 1959.8; XXV. 1962; A.L. 4 tal-1963; XI. 1977.2.*

(2) L-awtorità sanitarja ma tagħti ebda liċenza sabiex jinżammu bhejjem minn dawk hawn fuq imsemmija, f'kantina, ġewwa l-limiti msemmijin hawn fuq; jew biex jinżammu dawk il-bhejjem, f'lok ieħor ġewwa dawk il-limiti, barra minn meta l-art tkun tal-qawwi, jew ta' l-asfalt jew ta' materjal ieħor li ma jixrobx ilma, u tkun minfuda mad-drenaġġ pubbliku b'mod approvat mill-awtorità sanitarja, u jkollha l-ventilaturi illi l-awtorità sanitarja jidhrilha meħtieġa.

Kondizzjonijiet tal-liċenza.

(3) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' ma jagħtix jew ma jġeddidx din il-liċenza meta, fil-fehma tiegħu, iż-żamm tal-bhejjem hawn fuq imsemmija jista' jdejjaq lin-nies.

Setgħa tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

(4) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista', minn żmien għal-żmien, bil-parir tal-Bord tas-Servizzi Ġenerali, b'avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, jagħmel igħoddu d-disposizzjonijiet kollha jew uħud minnhom ta' dan l-artikolu għal postijiet oħra mhux imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-aħħar artikolu qabel dan.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel igħodd dan l-artikolu għal postijiet oħra.

Ma jistgħux jinżammu mqajjel ta' ngħaġ, eċċ., f'xi postijiet, *Emendat: XIV. 1885.3; XIII. 1913.2; XV. 1920.13; XVI. 1931.42.*

**127.** (*Mħassar bl-Att XXV.2001.50.*)

Ċmieni, fran u foroġ. *Emendat: XXIX. 1935.8.*

**128.** Ħadd ma jista' -

(*a*) jibni ċumnija, forn, jew forġa, ma' ħajt, ukoll jekk dak il-ħajt ikun kollu ta' proprjetà tiegħu, bejn fondi ta' sidien diversi;

(*b*) jibni forn, fuglar, jew forġa, jew jagħmel użu minnhom, f'ebda post li minnu, minħabba li ma jkunx hemm ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini, dak id-duħħan jista' jmur fit-triq jew f'dar viċina, jew li juża dan il-forn, fuglar jew forġa b'mod li jkunu jdejqu jew ta' inkonvenjent lill-ġirien;

Xogħol tan-nar.

(*ċ*) jaħdem xogħol tan-nar f'ebda dar li tkun qiegħda f'post abitat, jew, mingħajr il-kunsens tan-nies li joqogħdu fid-djar viċini, f'dar oħra f'kull post ieħor li jkun;

Ħwejjeġ li jistgħu jaqbdu, f'kantina.

(*d*) iżomm ħwejjeġ li jistgħu jaqbdu, f'kantina, ħdejn tieqa jew apertura oħra tagħha, li tagħti għat-triq;

Xgħil ta' nar fl-egħlieqi.

(*e*) iqabbad nar f'għalqa tiegħu nnifsu, qrib għalqa ta' ħaddieħor, fejn ikun hemm prodotti li jistgħu jaqbdu.

Il-fran, ċmieni, eċċ., għandhom jinżammu ndaf.

**129.** Kull min għandu forn, ċumnija, jew ħanut tax-xogħol, li fihom isir użu ta' nar, għandu jżomm indaf u fi stat tajjeb dan il-forn, ċumnija jew ħanut tax-xogħol, sabiex ineħħi kull periklu ta' ħruq.

Snajja, li jistgħu jdejqu lill-ġirien. Liċenza. *Emendat: XVII. 1893.12; XII. 1938.7; XL. 1949.8.*

**130.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Ħatra ta' inġinieri għall-eżami ta' kaldaruni. *Miżjud: VII. 1889.2. Emendat: II. 1915.1; A.L. 4 tal-1963; A.L. 407 tal-2007.*

**131.** (1) Il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jista' jaħtar inġinier wieħed jew iżjed, biex jeżamina u jittestja kaldaruni, ikun liema jkun l-użu tagħhom.

Setgħa ta' l-inġinier.

(2) L-inġinier hekk maħtur jista', wara li jagħti avviż ta' jumejn, jidħol f'kull bini li jkun, sabiex jara dawn il-kaldaruni.

Żminijiet li fihom isir eżami.

(3) Dan l-eżami jsir kull sitt xhur, jiġifieri, fit-tieni tliet xhur u fl-aħħar tliet xhur ta' kull sena, jew f'kull żmien ieħor kif jiġi stabbilit mill-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi.

Drittijiet ta' l-eżami.

(4) Id-dritt għal kull eżami m'għandux ikun aktar minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33), u għandu jitħallas minn sid il-

kaldarun jew minn dak li jagħmel użu minnu.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma "kaldarun" tfisser kull reċipjent magħluq li jservi biex jipproduċi l-istim, jew jissaħħan ilma jew likwidi oħra, inkella, li ġewwa fih igħaddi l-istim biex isaħħan, ifawwar, igħalli, jew għal xi skop ieħor bħal dan.

Tifsir ta' "kaldarun".

**132.** Ebda kaldarun ta' l-istim ma jista' jitħaddem fuq l-art mingħajr ma jkun f'kull ħin taħt is-sorveljanza ta' persuna b'liċenza regulari biex taġixxi ta' *engine-driver*, skond dawk ir-regolamenti illi, minn żmien għal żmien jiġu magħmulin mill-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi.

Tħaddim ta' kaldarun ta' l-istim fuq l-art.
*Miżjud: XI. 1910.6.*
*Emendat: A.L. 4 tal-1963.*

**133.** Il-Pulizija, l-awtorità sanitarja, jew kull persuna maħtura mill-Ministru kompetenti jistgħu, f'kull żmien li jkun, bl-anqas inkomdu li jista' jkun għad-detentur, skond iċ-ċirkostanzi, iżuru kull dar jew bini ieħor jew fond, biex jaraw li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, jew tar-regolamenti magħmulin minn Ministru, u l-qorti tista', meta hu meħtieġ, toħroġ mandat, u bih tawtorizza l-użu tal-forza għall-ftuħ ta' bibien:

Setgħa tal-Pulizija eċċ., li żżur djar.
*Emendat: VI. 1881.3; A.L. 4 tal-1963.*

Iżda dan il-mandat ma jistax jiġi esegwit qabel ma jingħata avviż tiegħu, imqar bil-fomm, lid-detentur tad-dar, bini jew fond, mhux anqas minn ġurnata qabel l-esekuzzjoni.

Setgħa tal-qorti.

**134.** (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', fil-bini ta' mħażen għall-irfigħ ta' oġġetti jew ta' merkanzija, jew fil-kostruzzjoni ta' bini, f'egħlieqi jew f'ġonna, magħmul sabiex fih jinżammu bhejjem jew għodod tal-biedja, jew prodotti, jiddispensa milli jiġu mħarsa kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew tar-regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-artikolu 102, minbarra mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*o*) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97, iżda dan kemm-il darba dawn l-imħażen jew bini jiġu mibnija biss invell ma' l-art.

Imħażen.
*Miżjud: VI. 1881.4.*
*Emendat: XVI. 1931.44, 45,46; XXXIX. 1935.9.*

(2) Dawn l-imħażen jew bini ma jistgħux, la għal kollox u lanqas parti minnhom, jiġu wżati għall-abitazzjoni jew għal xi skop ieħor barra dawk hawn fuq imsemmija.

(3) Kull sid jew amministratur ieħor li jagħti b'kiri dawn l-imħażen jew bini għall-abitazzjoni jew għal xi skop ieħor barra dawk hawn fuq imsemmija jew li xort'oħra jħalli li jsir dan l-użu minn dawk l-imħażen jew bini, ikun ħati ta' kontravvenzjoni għal dan il-Kodiċi.

## TAQSIMA VI

### FUQ IĊ-CIMITERJI U D-DFIN TA' KADAVRI*

Bini ta' ċimiterji.
*Emendat:*
*XV. 1920.15.*

**135.** Ma jistax jinbena ebda ċimiterju mingħajr liċenza ta' l-awtorità sanitarja.

Bogħod li għandu jinżamm fil-bini taċ-ċimiterji.
*Emendat:*
*XVII. 1893.14;*
*VIII. 1932.2;*
*XXXIII. 1946.2;*
*I. 1959.8.*

**136.** (1) Ebda ċimiterju ma jista' jinbena f'bogħod ta' anqas minn mija u tlieta u tmenin metru minn dar ta' abitazzjoni:

Iżda kemm-il darba, għad illi jinżamm dan il-bogħod, jista' jkun hemm perikolu għas-saħħa pubblika jew inkonvenjent lill-ġirien, dan il-bogħod għandu jiżdied, u, meta jitqies li jaqbel fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' xi każ, dan il-bogħod għandu jitnaqqas, dejjem kif jordna l-Bord tas-Servizzi Ġenerali.

Setgħa tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li jagħti permess li jiġu mkabbra ċ-ċimiterji li jeżistu.

(2) B'dana kollu, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jagħti permess li jiġi mkabbar ċimiterju li kien jinsab ġa mibni qabel l-ewwel ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tnejn u tletin, għalkemm il-bogħod ta' dan iċ-ċimiterju jew dan it-tkabbir tiegħu, minn dar ta' abitazzjoni, ikun anqas minn dak imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jekk huwa jkun ta' fehma li dan it-tkabbir hu meħtieġ għall-bżonnijiet tad-distrett.

Ċnut u manutenzjoni ta' ċimiterji.

**137.** Kull min ikollu l-inkarigu ta' ċimiterju għandu jdawwar dak iċ-ċimiterju b'ħajt jew bi rpar ieħor suffiċjenti, għoli għall-anqas tliet metri 'il fuq mill-art, u għandu jżomm dan iċ-ċimiterju, u l-bini, il-ħitan, jew ċnut oħra tiegħu fi stat tajjeb.

Dħul bla jedd ġewwa ċimiterju.

**138.** Ħadd ma jista' jidħol f'ċimiterju mingħajr il-permess tal-persuna inkarigata minn dak iċ-ċimiterju.

Ħsarat f'ċimiterju.

**139.** Ħadd ma jista' jiddistruġġi jew igħarraq il-bini, ħajt jew irpar ta' ċimiterju, jew iwaħħal fuq dak il-bini, ħajt jew irpar karti jew xi ħaġ'oħra, jew jiddistruġġi jew iħassar monument, tabella, skrizzjoni, lapida, siġra jew xitla ġewwa ċ-ċimeterju, jew jagħmel hemm ġew xi ħsara oħra apposta.

Ħadd ma jista' jilgħab jew jispara armi tan-nar f'ċimiterju.

**140.** Ħadd ma jista' jilgħab ebda logħob jew sport, jew, ħlief fil-funerali militari, jispara armi tan-nar f'ebda ċimiterju, jew ifixkel lil min ikun jinsab hemm ġew skond il-liġi sabiex jidfen xi mejjet.

Dfin.

**141.** Ħadd ma jista' jidfen xi mejjet mingħajr permess tal-Pulizija.

Qligħ ta' mejtin.
*Emendat:*
*X. 1859.2;*
*I. 1920.3.*

**142.** Ħadd ma jista' jaqla' mejtin mill-oqbra jew jiftaħ oqbra mingħajr permess tal-Pulizija.

Żmien li fih għandu jsir id-dfin.
*Emendat:*
*II. 1880.11.*

**143.** (1) Ebda kadavru ma jista' jiġi midfun qabel erbgħa u għoxrin siegħa mill-mewt, f'każijiet ordinarji, u tmienja u erbgħin siegħa f'każ ta' mewt sobtu; u, matul dan iż-żmien, il-kadavru ma jistax jitqiegħed f'kondizzjoni li minħabba fiha ma jkunux jistgħu jidhru s-sinjali ta' ħajja li jista' jkun hemm jew ma tkunx tista' tingħata l-għajnuna meħtieġa fil-każ li jidhru xi sinjal bħal dak.

---

*Ara wkoll l-Ordinanza dwar id-Dfin (Kapitolu 17) u l-Ordinanza dwar iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata (Kapitolu 18).

(2) Iżda, il-Pulizija tista' tagħti permess għad-dfin qabel ma jgħaddi ż-żmien hawn fuq imsemmi fuq ċertifikat ta' tabib, li jwettaq li hemm sinjali li l-kadavru beda jrejjaħ, jew ta' ċirkostanżi oħra li ma jħallu ebda dubju dwar il-mewt tal-persuna.

**144.** (1) Ma jistax isir dfin ta' mejtin f'ċimiterju, ikun fejn ikun, li fih l-awtorità sanitarja tkun ipprojbiet li jsir dfin, jew mingħajr ma jitħarsu l-prekawzjonijiet sanitarji illi l-awtorità sanitarja tkun ordnat.

Dfin f'postijiet ipprojbiti.
*Emendat:*
*VIII. 1874.1;*
*XV. 1920.16;*
*XLII. 1974.2.*

(2) Ma jistax isir ġarr għal ebda knisja jew kappella ta' kadavru ta' xi persuna li tkun mietet bil-pesta, bil-kolera, bil-ġidri jew bid-deni tifu jew b'dak il-mard ieħor li jittieħed b'kontaġju jew b'infezzjoni kif is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jistabbilixxi.

Dfin ta' nies li jmutu b'mard li jittieħed.

(3) Ma jista' jsir ebda dfin f'xi knisja jew kappella jew fil-kripta ta' xi knisja jew kappella jew fl-annessi ta' xi knisja jew kappella tal-kadavru ta' xi persuna ħlief bil-permess speċjali tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika li għandu jingħata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali:

Dfin fi knejjes jew kappelli eċċ.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma għandhomx japplikaw għal xi knisja, kappella jew kripta li tkun qegħda fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

(4) Ma jistax jinżamm mikxuf, jew jitħalla mikxuf, f'post miftuħ għall-pubbliku, kadavru li jkun beda jrejjaħ.

Kadavru rniżmum mikxuf meta jibda jrejjaħ.

**145.** (1) Kull kadavru għandu jiġi midfun b'dak il-għata, li jitolbu d-dekor u d-deċenza.

Kif għandu jsir id-dfin ta' kadavri.
*Emendat:*
*II. 1880.12.*

(2) Il-kadavru, jew it-tebut li ġewwa fih il-kadavru jkun imqiegħed, meta ma jkunx tebut tal-metall magħluq għal kollox, għandu, fil-qabar, jiġi mgħotti bit-trab sa għoli ta' mill-anqas ħamsa u erbgħin ċentimetru.

(3) Fl-oqbra tal-komun ma jistax isir dfin ta' kadavri f'ebda xorta ta' twiebet; u kull kadavru, f'dawn l-oqbra, għandu jiġi mgħotti bit-trab sal-għoli msemmi hawn fuq.

(4) Meta f'qabar wieħed tal-komun jitqiegħdu żewġ kadavri jew iżjed, kull wieħed minnhom għandu jiġi mgħotti bit-trab sa għoli ta' mill-anqas ħamsa u għoxrin ċentimetru, u l-kadavru li jiġi midfun l-aħħar wieħed għandu jiġi hekk imgħotti sa ħamsa w erbgħin ċentimetru għoli.

**146.** Kull uffiċjal tal-Pulizija jew ta' l-awtorità sanitarja jista' f'kull żmien jidħol u jżur ċimiterju biex jara li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan ta' din it-Taqsima, u ta' kull regolament ieħor magħmul bis-saħħa ta' l-artikolu li jaħbat minnufih wara dan dwar kif għandhom jinżammu ċ-ċimiterji.

Setgħa tal-Pulizija u ta' l-awtorità sanitarja li jidħlu f'ċimiterji.
*Emendat:*
*XV. 1920.17.*

**147.** Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' jagħmel regolamenti dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-bini, posizzjoni u tkabbir ta' ċimiterji, dwar kif għandu jsir id-dfin ta' kadavri u, b'mod ġenerali, dwar kif għandhom jinżammu dawn il-postijiet.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XI. 1977.2.*

## TAQSIMA VII

### FUQ AKWEDOTTI U GHEJJUN PUBBLIĊI

Teħid kontra il-liġi ta' ilma mill-akwedott, eċċ.

**148.** Ħadd ma jista' jieħu, minn ebda akwedott, għajn, ġiebja, kanal ta' ilma, jew minn post ieħor bħal dawn, ilma pubbliku, li tiegħu ma jingħatax l-użu bla ħlas lill-privat, mingħajr il-permess ta' l-uffiċjal inkarigat mit-tqassim ta' l-ilma pubbliku.

Dmir tal-persuna li tista' tieħu l-ilma.

**149.** Hu dmir ta' kull persuna illi lilha jiġi mogħti l-permess li tieħu l-ilma mill-uffiċjal imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, li tiżgura ruħha illi l-ġiebja li fiha l-ilma għandu jinżamm, u l-katusi jew kanni li minnhom għandu jgħaddi l-ilma ma jkunux miksurin jew bil-ħsara, sabiex ma jintilifx bil-bosta l-ilma hekk mogħti.

Dmir li ma titħalliex issir ħsara fil-ġibjuni ta' l-ilma.

**150.** Ħadd m'għandu jħalli illi, bi traskuraġni tiegħu, isir ftuħ, ksur jew ħsara f'serratura, katusa tal-fuħħar, kanna, bieb jew f'opra oħra ta' xi ġibjun jew ta' xi reċipjent ieħor ta' ilma pubbliku, jew illi ssir xi ħaġ'oħra li minħabba fiha dan l-ilma jinħela.

Tħażżin ta' l-ilma pubbliku. *Emendat: X. 1957.2.*

**151.** (1) Ħadd m'għandu jħalli illi, bi traskuraġni, jidħol żibel, tajn jew ħwejjeġ oħra li jagħmlu ħsara jew deni, ġewwa l-għejjun, l-akwedotti, jew postijiet oħra magħmulin biex fihom jinżamm l-ilma pubbliku; jew illi ilma jinten jew ħwejjeġ oħra li jagħmlu deni jnixxu f'dawn l-għejjun, akwedotti jew postijiet oħra, minn fosos, kanali jew bnadi oħra; jew illi ssir xi ħaġ'oħra li biha l-ilma pubbliku jitħammeġ jew ma jibqax tajjeb għas-saħħa.

(2) Ħadd m'għandu jixħet jew iħalli jixxerred xi żibel bi traskuraġni, jew xi ilma mdennes jew maħmuġ jew xi ħaġ'oħra li tagħmel deni fil-ħofra fejn jaqa' l-ilma ta' xi għajn pubblika.

---

## TAQSIMA VIII

### FUQ L-ANNIMALI

*L-artikoli 152 sa 168, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att XXV.2001.50.*

---

## TAQSIMA IX

### FUQ IL-LUKANDI U ALLOĠĠI OHRA

*L-artikoli 169 sa 180, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att XXVII.2001.33.*

---

TAQSIMA X

FUQ TAL-HWIENET U TRAFFIKANTI OHRA

**181.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Traffikanti, bejjiegħa fit-triq b'karettun jew mingħajru.
*Emendat:*
*XIII. 1921.4;*
*XIX. 1926.10;*
*VII. 1931.2;*
*XXXV. 1940.2;*
*XL. 1949.9;*
*XIV. 1958;*
*XXV. 1962;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965.*

**182.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Setgħa tal-Ministru Bejgħ bl-imnut ta' nbid, eċċ., mingħajr liċenza.
*L-Ord. XIII ta' l-1888 kif emendata bl-Ord. VIII tal-1939, XXXIV tal-1940 u III tal-1941, inkorporati.*
*Emendat:*
*XL. 1949.11.*

**183.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel regolamenti dwar il-għoti u taħsir ta' liċenzi għall-bejgħ ta' nbid, birra jew likuri spiritużi, u dwar il-bejgħ ta' xorb mhux spirituż, u biex jillimita n-numru ta' liċenzi skond iċ-ċirkostanzi.

Kemm iddum tiswa liċenza għall-bejgħ ta' nbid, birra jew likuri spiritużi.
*Emendat:*
*II. 1880.16;*
*I. 1898.1;*
*XI. 1910.11;*
*II. 1911.1;*
*IV. 1912.4;*
*XV. 1920.19;*
*XX. 1944.2;*
*XXX. 1947.2;*
*X L. 1949.12;*
*XIV 1958;*
*XXV. 1962;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*XVI. 1966.2;*
*XXXIII. 1974.2.*

(2) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' wkoll jagħmel regolamenti sabiex jiżgura l-bon-ordni u d-deċenza pubblika fil-ħwienet jew ħdejn ħwienet tal-bejgħ ta' l-inbid, birra jew likuri spiritużi jew tal-bejgħ ta' xorb mhux spirituż u fir-ristoranti jew ħdejn ristoranti jew ħwienet ta' l-ikel mhux kompriżi fil-klassi ta' ħwienet fuq imsemmija.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija li jagħmel regolamenti dwar il-bon-ordni fil-ħwienet.

**184.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Hinijiet ta' ftuħ u ta' egħluq ta' ħwienet.
*Emendat:*
*III. 1868.4;*
*XI. 1910.12;*
*I. 1920.4;*
*X L . 1949.13;*
*XIV. 1958;*
*XXV.1962;*
*A.L. 4 tal-1963.*

Sid ta' ħanut li jħalli sokor, eċċ. *Emendat: III. 1872.13; XI. 1910.13; XVII. 1938.4; II. 2009.7.*

**185.** (1) Ebda sid ta' ħanut b'liċenza għall-bejgħ bl-imnut ta' nbejjed, birra jew likuri spiritużi ma jista' -

(*a*) iħalli fil-ħanut tiegħu li nies jiskru jew li jkun hemm ġlied jew kwistjonijiet; jew

(*b*) ibiegħ inbejjed, birra jew likuri spiritużi lil xi ħadd fis-sakra, jew lil persuna li tidher li tkun moħħha marid jew nieqsa minn moħħha, jew li jkollha anqas minn sbatax-il sena; jew

(*ċ*) iżomm fil-ħanut armi regolari fil-qabda ta' xi persuna oħra; jew

(*d*) jagħti rifuġju, jew, xjentement, iħalli lil surġent jew kuntistabbli tal-Pulizija bl-uniformi li jibqa' fil-ħanut, ħlief biex iżomm jew jerġa' jġib il-bon-ordni, jew biex jesegwixxi d-dmirijiet tiegħu; jew

(*e*) jagħti nbid, birra jew likuri spiritużi, sew b'bejgħ kemm ukoll b'xejn, lil surġent jew kuntistabbli tal-Pulizija bl-uniformi, mingħajr l-awtorità ta' uffiċjal superjuri ta' dak is-surġent jew kuntistabbli, jew lil persuna bl-uniformi li tagħmel mal-forzi armati ta' Malta, bejn il-ħin tal-ftuħ tal-ħanut u t-tmienja ta' filgħodu.

Applikabbiltà ta' l-artikolu 175.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 175 igħoddu għal nies tal-ħwienet b'liċenza għall-bejgħ bl-imnut ta' nbejjed, birra jew likuri spiritużi.

Dħul mill-Pulizija. *Emendat: XI. 1910.14. Sostitwit: XLIX. 1981.6.*

**186.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Il-werriet, eċċ. jista' jkompli n-negozju.

**187.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Imwieżen, użin, u kejl.

**188.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Miżien, użin u kejl mhux ġust jew mhux imbullat. *Emendat: XXVIII. 1994.45; XIX. 1996.10.*

**189.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Il-ħwienet għandhom jinżammu ndaf u f'kondizzjoni sanitarja.

**190.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Ma tistax titqiegħed fit-triq jew fis-swieq merkanzija għall-bejgħ 'il-barra mil-limiti mogħtijin mill-Pulizija.

**191.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Setgħa tal-Pulizija li tagħlaq ħwienet f'każ ta' rewwixta.

**192.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

**193.** (1) Ebda sid ta' ħanut ma għandu jħalli li jsir fil-ħanut tiegħu xi xorta ta' logħob ta' l-ażżard kemm-il darba ma jkollux liċenza jew awtorizzazzjoni jew ikollu permess biex jagħmel dan skond jew taħt l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, jew taħt xi liġi oħra.

Sid ta' ħanut li jħalli jsir logħob ta' l-azzard. *Emendat: III. 1872.12. Sostitwi: XXIV. 2001.80.* Kap. 438.

(2) Ebda sid ta' ħanut ma għandu xjentement iħalli li jiltaqgħu fih nies magħrufa bħala nies ta' kondotta ħażina.

---

## TAQSIMA XI

*Miżjuda: XL. 1949.14.*

### FUQ XI SNAJJA'

**194.** (*Mħassar bl-Att XXVII.2001.33.*)

Htieġa ta' liċenza dwar xi snajja'. *Miżjud: XL. 1949.14. Emendat: XLII. 1965.2; VI. 1995.2.*

---

## TAQSIMA XII

*Miżjuda: XV. 1920.20.*

### FUQ IL-KAŻINI

**195.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija għandu s-setgħa li jagħmel regolamenti dwar ir-reġistrazzjoni ta' postijiet bħala każini mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija li jagħmel regolamenti dwar ir-reġistrazzjoni ta' każini. *Miżjud: XV. 1920.20. Emendat: XXV. 1962; A.L. 4 tal-1963; A.L. 46 tal-1965. Sostitwit: XXVII. 2001.33.*

(2) Dik ir-reġistrazzjoni tista' tiġi miċħuda għal raġunijiet ta' moralità jew ta' ordni pubbliku jew minħabba f'li tkun tonqos xi ħtieġa taħt ir-regolamenti, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra dik ir-reġistrazzjoni tista' biss titħassar sew fuq talba li ssir mis-segretarju ta' dak il-każin f'isem il-każin innifsu jew skond xi ordni tal-qorti li tingħata wara li jkunu sarilha rikors għaldaqshekk mill-Kummissarju tal-Pulizija minħabba f'raġunijiet ta' moralità jew ordni pubbliku jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti:

Iżda l-Kummissarju tal-Pulizija jkun leġittimament jista', għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, f'kull waqt jordna li każin jingħalaq minnufih għal xi żmien:

Iżda wkoll ir-reġistrazzjoni ta' każin ma tkunx tiddispensa lil dak il-każin milli jkollu xi permess jew liċenza li jistgħu jkunu meħtieġa b'din il-liġi jew xi liġi oħra biex tkun tista' ssir xi attività mill-każin.

---

## TAQSIMA XIII

### FUQ IL-BILJARDI PUBBLIĊI

*L-artikoli 196 sa 200, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att XXVII.2001.33.*

---

## TAQSIMA XIV

### FUQ IT-TEATRI U D-DIVERTIMENTI PUBBLIĊI

Spettakoli, eċċ.

**201.** *Mħassar: XXVII. 2001.33.*

Projbizzjoni ta' tipjip tat-tabakk fit-teatri u fiċ-ċinematografi. *Miżjud: XLII. 1986.20.*

**202.** *Imħassar: XLII. 1986.20.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-Pulizija li jagħmel regolamenti. *Emendat: VIII. 1946.2. Sostitwit: X. 1950.2. Emendat: XIV. 1958; XXV. 1962; A.L. 4 tal-1963; A.L. 46 tal-1965; A.L. 407 tal-2007.*

**203.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' jagħmel u, wara li jkun għamilhom jemenda, jħassar jew iħassar u jerġa' jagħmel regolamenti mill-ġdid dwar teatri pubbliċi, swali pubbliċi taċ-ċinematografu, wirjiet u divertimenti pubbliċi, ballijiet pubbliċi u, f'kull każ, dwar l-inħawi ta' sew sew madwarhom. Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' din is-setgħa, dawk ir-regolamenti jistgħu jaħsbu b'mod partikolari -

(*a*) għall-ħruġ u tiġdid mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' liċenzi dwar dawk il-postijiet u l-kondizzjonijiet li jriġu dawk il-liċenzi;

(*b*) għall-għodod għat-tifi tan-nar u prekawzjonijiet oħra kontra l-ħruq; it-taħriġ, kwalifiki u għoti ta' liċenzi lill-pompieri;

(*ċ*) għall-kwalifiki u għoti ta' liċenzi tan-nies li għandhom ikunu fil-kmamar minn fejn jitħaddmu l-filmijiet;

(*d*) għalbiex dawk il-postijiet jinżammu ventilati mill-aħjar u fi stat tajjeb kif titlob is-sanità;

(*e*) għall-ħatra u l-ħidma ta' ċensuri, il-ħlas lilhom ta' dawk id-drittijiet illi jista' minn żmien għall-ieħor jistabilixxi l-Ministru responsabbli għall-Pulizija; u appell mid-deċiżjonijiet taċ-ċensuri;

(*f*) għall-għoti ta' liċenza lill-importaturi tal-filmijiet; ir-responsabbiltajiet ta' l-importaturi u ta' l-esibituri, l-inqas ħtiġiet ta' filmijiet li jintwerew lill-pubbliku; u l-pattijiet u kondizzjonijiet ta' fornitura ta' filmijiet mill-importaturi lill-esibituri;

(*g*) għall-kontroll ta' kuntratti bejn l-intraprendituri ta' rappreżentazzjonijiet u wirjiet pubbliċi u l-artisti u impjegati oħra dwar hekk;

(*h*) għal kemm għandhom idumu r-rappreżentazzjonijiet, il-wirjiet u l-ispettakoli pubbliċi, u x'għandu jkun

fihom il-programmi tagħhom;

(*i*) għad-dħul fl-imsemmijin postijiet u tirżin ta' dħul għalihom skond l-età dwar klassijiet differenti ta' divertimenti;

(*j*) kif u fejn joqgħodu n-nies fl-imsemmijin postijiet u l-prezzijiet tad-dħul dwar klassijiet differenti ta' siġġijiet, ta' nħawi differenti u ta' okkażjonijiet differenti;

(*k*) għall-kontroll ta' l-imġieba fl-imsemmijin postijiet u l-jedd tal-Pulizija li toħroġ 'il barra n-nies minn post bħal dak waqt li jkun hemm rappreżentazzjoni, spettakolu jew wirja;

(*l*) għall-jedd ta' dħul fl-imsemmijin postijiet ta' awtoritajiet pubbliċi speċifikati, u l-jeddijiet li xi awtorità minn dawk li tista' tinqeda bihom fuq dak id-dħul;

(*m*) għar-responsabbiltà ta' persuna bil-liċenza għall-atti tar-rappreżentanti u mpjegati tiegħu;

(*n*) għalbiex jiġu stabbiliti l-pieni li kull ħati kontra regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' dan l-artikolu jista' jeħel: f'dawn il-pieni jista' jkun hemm multi f'ammont mhux ogħla minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), sew jekk tissemma l-inqas piena sew jekk ma tissemmiex, u s-sospensjoni jew it-taħsir ta' liċenza sew jekk maħruġa taħt regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' dan l-artikolu jew xort'oħra;

(*o*) għat-twaqqif ta' bord ta' arbitraġġ sabiex jaqta' kwistjonijiet bejn importaturi u esibituri ta' filmijiet; il-ħidma u s-setgħat ta' bord bħal dan, u l-proċedura li għandha titħares fil-proċedimenti li jkollu quddiemu.

(2) Regolamenti magħmulin bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jkun fihom li għandhom jgħoddu, sa fejn jingħad fihom, dwar postijiet li jkunu każini jew istituti fejn isiru rappreżentazzjonijiet teatrali jew ċinematografiki jew wirjiet jew ballijiet, sew jekk is-soltu jew ta' minn xi daqqiet, u sew jekk bil-ħlas jew xort'oħra, quddiem xi spettaturi jew ġemgħa nies li jkunu jgħoddu tletin persuna jew iżjed.

(3) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu għandhom jitqiegħdu fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati malli jista' jkun wara li jsiru; u, jekk il-Kamra tad-Deputati fi żmien għoxrin ġurnata li jibdew igħoddu minn dik il-ġurnata li fiha xi regolament jew regolamenti minn dawn jitqiegħdu quddiemha, tiddeċiedi b'riżoluzzjoni li huma għandhom jitħassru, jew jiġu emendati, dan ir-regolament jew dawn ir-regolamenti ma jibqgħux ikollhom effett, jew ikunu hekk emendati iżda bla ebda ħsara għal kull ħaġa li tkun saret qabel bis-saħħa tagħhom jew għall-għemil ta' kull regolament ġdid. Meta wieħed jikkalkula kull żmien għall-finijiet ta' dan is-subartikolu ma għandu jittieħed kalkolu ta' ebda żmien li fih il-Kamra tad-Deputati tinħall jew tagħmel xi proroga jew li fih

taġġorna għal iżjed minn erbat ijiem.

Setgħa biex jinżammu jew jitwaqqfu esibizzjonijiet.
*Miżjud: X. 1950.2.*

**204.** Il-Kummissarju tal-Pulizija jkun jista' għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, jew tas-sigurtà jew moralità pubblika jew minħabba n-nuqqas ta' min ikollu l-liċenza li jħares id-disposizzjonijiet tar-regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-artikolu 203 ta' dan il-Kodiċi, jordna t-twaqqif minnufih ta' xi rappreżentazzjoni, spettakolu, wirja jew divertiment pubbliku, kif ukoll is-sospensjoni ta' kull liċenza u l-egħluq għal żmien mhux itwal minn ħmistax il-jum ta' kull lok fil-kwistjoni.

---

## TAQSIMA XV

### FUQ IL-KAĊĊATURI

Liċenza tal-kaċċa.
*Emendat: XI. 1910.15; XL. 1949.17.*
*Sostitwit: XVII. 1980.2.*
*Emendat: V. 1991.50.*

**205.** (1) L-użu ta' xkubetti u armi oħra tan-nar għall-kaċċa hu permess iżda biss kif provdut fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima.

(2) Ebda persuna ma għandha ddur għall-kaċċa b'xi xkubetta jew arma oħra tan-nar mingħajr liċenza valida mill-Pulizija.

(3) Liċenza maħruġa taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tkunx valida matul dawk il-perijodi l-oħra li jiġu speċifikati fil-liċenza.

Kondizzjonijiet għall-liċenza.
*Emendat: XI. 1910.15. XVII. 1963.4; XXVII. 2001.33.*

**206.** Dik il-liċenza ma tiġi mogħtija lil ebda persuna -

(*a*) li ma tkunx għalqet it-tmintax il-sena; jew

(*b*) li, fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma tkunx ta' kondotta tajba jew ma jkollhiex il-ħila li timmaniġġa xkubetta jew arma oħra tan-nar mingħajr perikolu; jew

(*ċ*) li, fis-sena ta' qabel, tkun ġiet misjuba ħatja ta' kontravvenzjoni kontra d-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, jew kontra l-paragrafu (*a*) ta' l-artikolu 340 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Min jitqies li jkun idur għall-kaċċa.
*Miżjud: XI. 1910.15.*
*Emendat: XVII. 1980.3.*

**207.** *Imħassar: V. 1991.50.*

Il-liċenza hija persunali.
*Miżjud: XI. 1910.15.*

**208.** Din il-liċenza hija persunali u ebda persuna li jkollha din il-liċenza ma tista' tħalli li ħaddieħor jinqeda biha.

Il-liċenza għandha tintwera meta titlobha l-Pulizija.
*Miżjud: XI. 1910.15.*
*Emendat: XXII. 1952.2.*

**209.** Kull min jinsab idur għall-kaċċa għandu, meta jiġi mitlub minn uffiċjal tal-Pulizija, jagħti ismu, kunjomu u partikolaritajiet oħra u jipproduċi l-liċenza tiegħu jew fil-ħin li jkun mitlub jew fi żmien jumejn minn meta tkun saret it-talba fil-post li jiġi ndikat mill-uffiċjal tal-Pulizija.

**210.** *Imħassar: V. 1991.50.*

Hadd ma jista' jidħol f'raba', eċċ., ta' ħaddieħor.
*Emendat: XI. 1910.15.*

**211.** *Imħassar: V. 1991.50.*

Sparar addoċċ ta' armi tan-nar.
*Miżjud: XI. 1910.15.*
*Sostitwit: XVII. 1980.4.*

Liċenza ta' l-ibbalzmar.
*Miżjud: XVII. 1980.5.*
*Emendat: XXVII. 2001.33.*

**212.** (1) Ebda persuna ma tista' tagħmilha ta' *taxidermist* mingħajr liċenza mill-Ministru responsabbli għall-ambjent jew minn dik il-persuna jew awtorità oħra li jistgħu jkunu msemmija minn dak il-Ministru.

(2) Liċenza mogħtija taħt is-subartikolu (1) tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li dak il-Ministru jew persuna jew awtorità oħra kif hawn qabel imsemmija jistgħu jqisu xierqa, u kull detentur ta' liċenza li jikser xi waħda minn dawk il-kondizzjonijiet jitqies li qed jagħmilha ta' *taxidermist* mingħajr liċenza.

(3) Kull persuna misjuba ħatja ta' krudeltà ma' l-annimali skond xi liġi, ma tkunx tista' tikseb liċenza taħt dan l-artikolu għal perijodu ta' ħames snin.

**213.** *Imħassar: V. 1991.50.*

Liċenza ta' *bird-ringer.*
*Miżjud: XVII. 1980.5.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-ambjent li jagħmel regolamenti.
*Miżjud: XI. 1910.15.*
*Emendat: XXVII. 1935.2; A.L. 4 tal-1963; XXVII. 2001.33.*

**214.** Il-Ministru responsabbli għall-ambjent jista', minn żmien għal żmien, jagħmel, ibiddel jew iħassar regolamenti dwar l-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima u speċjalment dwar il-protezzjoni ta' annimali tal-kaċċa u ta' għasafar tal-barr.

---

## TAQSIMA XVI

### FUQ IR-RAGHAJJA TAL-MOGHOŻ U TAN-NGHAĠ

*L-artikoli 215 sa 217, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att XXVII.2001.33.*

---

## TAQSIMA XVII

*Emendata: VII. 1889.3.*

### FUQ IL-*PORTERS*

*Ememdat: II. 1958.*

Liċenza lill-*porters*.
*Emendat: VII.1889.3; XIII. 1913.4; VI. 1933.1; II. 1958.5; IX. 1971.3; XVII. 1991.82.*

**218.** *Mħassar: XXVII. 2001.33.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-portijiet li jagħmel regolamenti u tariffi dwar il-*porters*.
*Emendat: II. 1880.23; VII. 1889.3; XIV. 1932.2; VI. 1933.1; XI. 1933.2; II. 1958.5; A.L. 4 tal-1963; XVII. 1991.82.*

**219.** *Mħassar: XXVII. 2001.33.*

*Porters* ma Il-ġarr tal-bagalji għandu jsir mill-*porters* tal-bagalji.
*Miżjud: VI. 1933.1.*
*Emendat: A.L. 4 tal-1963; IX. 1971.3.*

**220.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Ix-xogħol tal-*porters* tal-bagalji jsir taħt it-triġija tad-Direttur tal-Portijiet.
Il-Gvern ma jagħmel tajjeb għal ebda telf jew ħsara.
*Miżjud: VI. 1933.1.*
*Emendat: IX. 1971.3.*

**221.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

---

*Miżjuda: XIII. 1900.1.*

## TAQSIMA XVIII

### FUQ TAL-BLAKK

Liċenza lil tal-blakk.
*Miżjud: XIII. 1900.1.*
*Emendat: A.L. 4 tal-1963.*

**222.** *Mħassar: XXVII. 2001.33.*

---

*Miżjuda: VII. 1942.2.*

## TAQSIMA XIX

### FUQ IL-PITKALI U BEJJIEGHA TAL-PRODOTTI TAL-BIEDJA

**223.*** Il-Ministru responsabbli għall-biedja jista' jagħmel regolamenti dwar il-bejgħ, bl-irkant jew xort'oħra, ta' prodotti tal-biedja u dwar il-għoti ta' liċenzi ta' persuni li għandhom x'jaqsmu ma' dan. F'dawn ir-regolamenti jista' jkun hemm pieni speċjali kontra min jonqos li jħarishom.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-biedja li jagħmel regolamenti.
*Miżjud: VII. 1942.2. Emendat: XIV. 1958; A.L. 4 tal-1963.*

TAQSIMA XX

FUQ L-IBĦRA TERRITORJALI, IL-PORTIJIET U L-MOLLIJIET

*Sostitwit: XXX. 1972.2.*

**224.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Ingombru fil-portijiet u fuq il-mollijiet.
*Emendat: XV. 1904.1; A.L. 4 tal-1963; XVII. 1991.82.*

**225.** (1) Ħadd ma jista' jressaq annimali f'ebda parti ta' xatt il-baħar fejn ikun hemm nies igħumu, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx qiegħda espressament għall-annimali.

Annimali li jitniżżlu l-baħar.
*Emendat: XIX. 1926.12.*

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmel regolamenti dwar il-ħinijiet u l-postijiet li fihom l-annimali jistgħu jitniżżlu l-baħar.

Setgħa tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħmel regolamenti.

**226.** Ħadd ma jista' jagħmel tiġrijiet ta' dgħajjes, ġostri, jew divertimenti jew wirjiet oħra pubbliċi, jew jixgħel logħob tan-nar, jew jispara armi tan-nar f'port, mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija mogħtija bil-kunsens ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta.

Tiġrijiet eċċ.
*Emendat: XV. 1920.21; XVII. 1991.82.*

**227.** Ħadd ma jista' jħalli fil-portijiet jew fuq il-mollijiet ebda ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għas-saħħa tan-nies jew li ddejjaq in-nies; inkella jixħet fil-baħar ta' xi port jew f'xi parti ta' l-ibħra interni jew ta' l-ibħra territorjali ta' Malta xi ħmiġijiet jew likwidu maħmuġ li jista' joħloq inkonvenjent.

Xħit fil-portijiet ta' oġġetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa.
*Emendat: XV. 1904.2; XXX. 1972.3.*

**228.** (1) Jekk xi pitrolju jew żejt ieħor jew xi taħlita li jkun fiha pitrolju jew żejt ieħor tintefa', tnixxi jew tmur fil-baħar ta' xi port jew f'xi parti ta' l-ibħra nterni jew ta' l-ibħra territorjali ta' Malta minn xi bastiment jew xi post fuq il-baħar, jew minn xi post fuq l-art, jew minn xi apparat użat biex jittrasferixxi pitrolju jew żjut oħra minn fuq jew għal fuq xi bastiment (sew jekk għal jew minn xi post fuq l-art jew fuq il-baħar), f'dak il-każ -

Kontaminazzjoni tal-portijiet u ta' l-ibħra territorjali b'pitrolju jew bi żjut oħra.
*Miżjud: XIX. 1926.13. Sostitwit: XXX. 1972.4. Emendat: XVII. 1991.82; A.L. 407 tal-2007.*

(*a*) jekk it-tfiegħ, it-tnixxija jew il-mawrien tkun minn bastiment, is-sid jew il-kaptan tal-bastiment, jew

(*b*) jekk it-tfiegħ, it-tnixxija jew il-mawrien tkun minn apparat użat biex jittrasferixxi pitrolju jew żjut oħra minn fuq jew għal fuq bastiment, jew tiġri fil-waqt li pitrolju jew żjut oħra jkunu qed jiġu hekk trasferiti, is-

*Dan l-artikolu, meta sar, kien jikkonsisti f'żewġ subartikoli. Is-subartikolu (2) ġie mħolii barra, għaliex ma baqgħax iseħħ.

sid jew il-persuna inkarigata mill-apparat, jew

(*ċ*) jekk it-tfiegħ, it-tnixxija jew il-mawrien tkun minn xi post ieħor, min jokkupa l-post jew ħaddieħor li jkun inkarigat minn dak il-post,

ikun ħati ta' reat kontra dan l-artikolu u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), jew priġunerija minn xahar sa sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull persuna li tinsab ħatja ta' reat skond dan l-artikolu tkun responsabbli għad-danni kollha kkaġunati u għall-ispejjeż kollha li jinqalgħu mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat, u l-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni magħmula f'kull żmien tal-proċedimenti qabel ma tingħata s-sentenza finali, tordna fl-istess sentenza lill-ħati biex jagħmel tajjeb għal u jħallas lid-Direttur tal-Portijiet dawk id-danni u spejjeż kollha li jiġu likwidati mill-istess qorti, liema ordni jkun esegwibbli bl-istess mod bħallikieku kien mogħti f'azzjoni ċivili li tkun saret kif imiss mill-Awtorità Marittima ta' Malta kontra min jagħmel ir-reat:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma ttellef id-dritt ta' terzi persuni li jagħmlu xi azzjoni ċivili kontra min jagħmel ir-reat għal xi ħsara li huma jbatu.

Bejgħ ta' nbejjed u likuri spiritużi ma' ġenb bastimenti tal-gwerra.
*Emendat:*
*X. 1867.3;*
*IX. 1971.3;*
*XVII. 1991.82.*

**229.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tlugħ fuq bastimenti.
*Miżjud:*
*XIII. 1913.5.*

**230.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Liċenza għall-bejgħ bl-imnut fuq il-baħar.
*Emendat:*
*VII. 1889.4;*
*XIII. 1913.6;*
*XV. 1920.21;*
*XL. 1949.18;*
*XVII. 1991.82;*
*XXVII. 2001.33.*
Kap. 352.

**231.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tagħbija, eċċ., ta' saborra.
*Emendat:*
*IX. 1971.3.*

**232.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

**233.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-portijiet li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*I. 1856.1;*
*VII. 1889.5;*
*XIII. 1913.7;*
*I. 1931.2;*
*XIII. 1962.63;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*IX. 1971.3;*
*XXIII. 1973.2.*

**234.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Il-Ministru responsabbli għall-portijiet mogħti s-setgħa li jagħmel regolamenti.
*Miżjud:*
*XXXVI. 1948.2.*
*Emendat:*
*XIV. 1958;*
*XXV. 1962;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*A.L. 46 tal-1965.*

---

## TAQSIMA XXI

### FUQ IL-KAPTANI TA' BASTIMENTI

**235.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Il-kaptan ma għandux iħalli dgħajjes jersqu lejn il-bastiment.
*Emendat:*
*VII. 1889.6.*

**236.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Il-kaptan ma jistax jikkomunika ma' xi parti ta' Malta ħlief mal-Port il-Kbir jew ta' Marsamxett.

**237.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

Tagħbija perikoluża abbord ta' bastimenti merkantili.
*Emendat:*
*X. 1867.4;*
*IV. 1912.5;*
*XXXVI. 1947.2;*
*A.L. 4 tal-1963;*
*IX. 1971.3;*
*XLIX. 1981.6;*
*XVII. 1991.82.*

**238.** (*Mħassar bl-Att XV.2009.52.*)

L-Awtorità Marittima ta' Malta għandha tagħmel tfittxija fuq bastiment li jkun qiegħed iħott tagħbija perikoluża.
*Emendat:*
*XXXVI. 1947.3;*
*IX. 1971.3.*
*Sostitwit:*
*XVII. 1991.82.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-portijiet li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*I. 1856.3;*
*III. 1872.20;*
*XIII. 1962.63;*
*A.L. 4 tal-1963.*

**239.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Karinar ta' bastiment.
*Emendat:*
*III. 1872.21;*
*IV. 1912.6.*
*Sostitwit:*
*XIII. 1962.63.*
*Emendat:*
*IX. 1971.3;*
*XXII. 1976.4.*

**240.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Il-kaptan m'għandux iħalli tipjip, eċċ., waqt it-tagħbija jew il-ħatt ta' merkanzija li taqbad.
*Emendat:*
*VII. 1889.7.*

**241.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Id-dgħajjes tal-bastimenti għandhom ikollhom dawl.

**242.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

---

TAQSIMA XXII

FUQ ID-DGĦAJJES

FUQ ID-DGHAJJES TA' KULL XORTA

*L-artikoli 243 sa 247, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

---

FUQ ID-DGHAJJES TAS-SABORRA

*L-artikoli 248 sa 250, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

---

FUQ ID-DGHAJJES TA' GHAWDEX

*L-artikoli 251 sa 253, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

---

FUQ IL-PUNTUNI

*L-artikoli 254 sa 263, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

FUQ ID-DGHAJJES TAT-TAGHBIJA

*L-artikoli 264 u 265 ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

---

FUQ ID-DGHAJJES TA' L-ILMA

*L-artikoli 266 sa 269, it-tnejn inktużi, ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

---

FUQ ID-DGHAJJES TAL-PASS

*L-artikoli 270 sa 286, it-tnejn inktużi, ġew imħassrin bl-Att Nru. XXIII tal-2000.*

---

FUQ IL-KAJJIKKI U DGHAJJES ŻGHAR OHRA

*L-artikoli 287 u 288 ġew imħassrin bl-Att Nru. XVII tal-1991.*

---

FUQ ID-DGĦAJJES TA' L-ISTIM

**289.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Dgħajjes ta' l-istim għall-passiġġieri jew għall-irmonk.
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*XIII. 1913.14;*
*XVII. 1991.82*

**290.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Liċenza.
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*XV. 1920.21;*
*XL. 1949.20;*
*A.L. 161 tal-1990;*
*XVII. 1991.82*

**291.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

*Safety valve.*
*Emendat:*
*VII. 1889.8.*

**292.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Fuq is-*safety valve* ma jistax ikun hemm toqol żejjed.
*Emendat:*
*VII. 1889.8.*

**293.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Salvawomi.
*Emendat:*
*VII. 1889.8.*

**294.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Irpar għall-passiġġieri ta' fuq il-gverta.
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*IX. 1971.3.*

Faċilitajiet sanitarji fuq dgħajjes ta' l-istim.
*Miżjud:*
*XIII. 1977.2.*

**295.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Spezzjon tal-makna.
Ċertifikat ta' l-ispezzjon.
*Emendat:*
*VII. 1889.8.*
*XVII. 1991.82.*
Kap. 234.
Kap. 352.

**296.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Spezzjon tal-buk.
Ċertifikat ta' l-ispezzjon.
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*XL. 1949.21;*
*XXIII. 1973.3;*
*XVII. 1991.82.*
Kap. 234.
Kap. 352.

**297.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Tqegħid taċ-ċertifikati għand l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku.
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*XV. 1920.21;*
*A.L. 161 tal-1990;*
*XVII. 1991.82.*
Kap. 234.
Kap. 352

**298.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Dawl.
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*XI. 1973.377.*

**299.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Numru speċjali meta wżati għall-irmonk.
*Emendat:*
*VII. l889.8.*

**300.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Irmonk ta' puntuni f'numru akbar minn dak mogħti fil-liċenza.
*Emendat:*
*VII. 1889.8.*

**301.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Disposizzjonijiet li jgħoddu għad-dgħajjes ta' l-istim,
*Emendat:*
*VII. 1889.8;*
*XI. 1910.17.*

**302.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

u dgħajjes bil-mutur.
*Miżjud:*
*XIII. 1913.15.*

**303.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

**304.** *Imħassar: XVII. 1991.82.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għall-portijiet li jagħmel tariffi.
*Miżjud: XIII. 1913.15.*
*Emendat: A.L. 4 tal-1963.*

---

## TAQSIMA XXIII

### FUQ IS-SAJD, IL-BEJGĦ TAL-ĦUT U D-DGĦAJJES TAS-SAJD

*Emendat: XVI. 1937.3.*

**305.** *Imħassar bl-Att II tal-2001.*

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-sajd li jagħmel regolamenti.
*Emendat: VII. 1889.9; XVI. 1937.2; XIV. 1958; XXV. 1962; A.L. 4 tal-1963.*

**306.** *Imħassar bl-Att II ta' l-2001.*

Konfiska tal-għodod tas-sajd bħala konsegwenza li wieħed jiġi misjub ħati.
*Emendat: VII. 1889.9.*

---

## TAQSIMA XXIV

### FUQ IL-BARKLORI

*Emendat: VII. 1889.10.*

**307.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Liċenza għal barklori.
*Emendat: VII. 1889.10; XV. 1920.21; A.L. 161 tal-1990.*
*Sostitwit: XVII. 1991.82.*

**308.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

Kondizzjonijiet għall-għoti tal-liċenza.
*Emendat: VII. 1889.10; XIII. 1913.16; XV. 1920.21; XXXVI. 1948.3; A.L. 161 tal-1990.*
*Sostitwit: XVII. 1991.82.*

Għal kemm żmien tiswa l-liċenza. Tħassir jew sospensjoni tal-liċenza. *Emendat: VII. 1889.10; IV. 1912.8; XIX. 1926.17; XL. 1949.22; XVII. 1991.82.* Kap. 37. Kap. 234.

**309.** *Imħassar: XXIII. 2000.30.*

---

*Emendat: IV. 1912.9.*

## TAQSIMA XXV

### FUQ IT-TRAFFIKANTI F'OĠĠETTI TAL-BAHAR U F'HADID QADIM

*L-artikoli 310 sa 316, it-tnejn inklużi, ġew imħassrin bl-Att XXVII. 2001.33.*

---

*Miżjuda: XIV. 1986.2.*

## TAQSIMA XXVA

### FUQ *VIDEO RECORDERS*

Liċenza għal *video recorder. Miżjud: XIV. 1986.2.*

**316A.** *Mħassar: XXVII. 2001.33.*

Dritt għal liċenza u setgħa għall-egħmil ta' regolamenti. *Miżjud: XIV. 1986.2.*

**316B.** *Mħassar: XXVII. 2001.33.*

---

*Miżjuda: III. 2006.2.*

## TAQSIMA XXVB

### FUQ IL-MINURI U L-ALKOHOL

Hadd ma jista' jbiegħ jew iservi lil, jew jikseb alkoħol għal minuri. *Miżjud: III. 2006.2.*

**316Ċ.** Ħadd ma jista':

(*a*) ibiegħ alkoħol lil, jew jixtri alkoħol f'isem, minuri; jew

(*b*) iservi, jew b'xi mod iforni, alkoħol lil minuri f'xi post pubbliku.

Projbizzjoni ta' konsum ta' alkoħol minn minuri. *Miżjud: III. 2006.2.*

**316D.** Ebda minuri ma jista':

(*a*) jikkonsma alkoħol f'xi post pubbliku;

(*b*) jikseb jew jipprova jikseb alkoħol b'kull mod f'xi post pubbliku;

(*ċ*) ikun fil-pussess ta' alkoħol f'xi post pubbliku; jew

(*d*) iqarraq meta jiġi biex jagħti l-età tiegħu għall-fini li jikkonsma, jirċievi, jikseb jew jipprova jikseb xi alkoħol.

**316E.** Membru tal-Korp tal-Pulizija jista' jwaqqaf lil kull min huwa jissuspetta li jkun aġixxa bi ksur ta' l-artikoli 316Ċ u 316D, bil-għan li jidentifika lil dik il-persuna u jieħu d-detalji personali tagħha.

Setgħa li persuna titwaqqaf u jittieħdulha d-dettalji.
*Miżjud:*
*III. 2006.2.*

**316F.** Għall-finijiet ta' l-artikoli 316Ċ sa 316E u ta' l-artikolu 319(9) sa (11):

Tifsiriet.
*Miżjud:*
*III. 2006.2.*
*Emendat:*
*II. 2009.8.*

(*a*) il-kelma "aġenzija" tfisser kull aġenzija msemmija għal dan l-għan fil-Gazzetta mill-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

(*b*) il-kelma "alkoħol" tfisser kull inbid, birra, *cider* jew xorb li jkun fih l-ispirtu:

Iżda jkun preżunt li l-likwidu jkun fih l-alkoħol kemm-il darba l-imputat ma jġibx prova kuntrarja;

(*ċ*) il-kelma "minuri" tfisser persuna taħt is-sbatax-il sena;

(*d*) il-kelma "post pubbliku" tfisser kull post li mhux residenza privata u tinkludi kull fond li jinkera u, jew jintuża għal skop ta' divertiment.

---

## TAQSIMA XXVI

### DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Emendat:*
*II. 1880.29.*

**317.** Kull regolament magħmul mill-awtorità kompetenti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu b'dan il-Kodiċi jew b'liġi oħra, illi n-nuqqas tat-tħaris tiegħu jikkostitwixxi reat, għandu jiġi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Regolamenti li għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.
*Miżjud:*
*II. 1880.29.*
*Emendat:*
*VII. 1889.12;*
*A.L. 4 tal-1963.*

**318.** Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jew ta' ordni jew regolament mogħti jew magħmul mill-awtorità kompetenti, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor, bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi, sew billi jagħmel dak li hu pprojbit li jagħmel, kemm billi jonqos li jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel, jew billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel jew li jista' jagħmel jew billi jħassar jew iġib fix-xejn dak li ħaddieħor ikun għamel, taħt id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ordni jew regolament, jew b'xi mod ieħor, isir ħati ta' kontravvenzjoni.

Min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' ordni jew ta' regolament isir ħati ta' kontravvenzjoni.
*Emendat:*
*A.L. 4 tal-1963.*

Pieni.
*Emendat:*
*III. 1872.26;*
*VIII. 1874.4;*
*XI. 1910.19;*
*II. 1968.3;*
*XXX. 1972.7;*
*L. 1974.6;*
*LIV. 1975.2;*
*XIII. 1976.3;*
*XLII. 1976.3;*
*XIII. 1977.3;*
*XXIII. 1978.3;*
*XLIX. 1981.4;*
*XV. 1985.3;*
*III. 2006.3;*
*A.L. 407 tal-2007.*
Kap. 9.

**319.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 19 u 543 tal-Kodiċi Kriminali, tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li jaħbtu sew sew wara dan u ta' kull disposizzjoni oħra speċjali ta' dan il-Kodiċi, kull qorti ta' ġudikatura kriminali, għal kull kontravvenzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, tista' tagħti kull waħda mill-pieni stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet, sew separatament kemm flimkien, jew, jekk fil-fehma tal-qorti r-reat ikun jistħoqq piena akbar, tista' tagħti l-piena tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar.

(2) Meta xi persuna tinsab ħatja ta' kontravvenzjoni ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38, ta' l-artikolu 39 jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew ta' l-artikolu 190 ta' dan il-Kodiċi, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u, barra minn dan, jekk xi vettura jew bastiment ikun użat fl-egħmil, jew għall-għanijiet ta' l-egħmil, tar-reat, il-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna il-qbid ta' dik il-vettura jew bastiment, skond il-każ, għal żmien ta' mhux inqas minn xahar iżda ta' mhux iżjed minn sitt xhur u s-sospensjoni għal żmien daqs dak ta' kull liċenza tas-sewqan f'isem min jagħmel ir-reat, matul liema żmien il-manutenzjoni u t-tiswija (jekk ikun hemm) tal-vettura jew tal-bastiment ikunu għas-spejjeż tad-detentur tal-liċenza tagħha.

(2A) Meta persuna tinsab ħatja ta' ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 121 jew ta' l-artikolu 227 ta' dan il-Kodiċi, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), u jekk xi vettura jew bastiment ikun intuża fl-egħmil jew għall-għan ta' l-egħmil tar-reat, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tordna l-qbid ta' dik il-vettura jew ta' dak il-bastiment, skond il-każ, għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iżjed minn sena u, fil-każ ta' vettura, is-sospensjoni għal żmien daqs dak ta' kull liċenza tas-sewqan f'isem min jagħmel ir-reat, matul liema żmien il-vettura jew il-bastiment jibqa' għar-riskju tas-sid:

Iżda meta xi persuna li ma tkunx ħadet sehem fir-reat, ikollha jedd għal dik il-vettura l-qbid ikun ordnat biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li ebda jedd bħal dak ma jkun qed jiġi preġudikat b'dak l-ordni.

(2B) Meta reat imsemmi fis-subartikolu (2A) ta' dan l-artikolu jkollu x'jaqsam ma' rimi, il-qorti għandha wkoll b'żieda ma' kull piena li tista' tiġi mposta skond dan il-Kodiċi, tordna lil min jagħmel ir-reat li jneħħi mill-post fejn ikun sar ir-reat il-materjal kollu, li dwaru jkun instab ħati, fi żmien biżżejjed għal hekk, li jiġi stabbilit mill-qorti, u li fin-nuqqas ta' tħaris ta' dak l-ordni dak il-materjal jitneħħa għas-spejjeż ta' min jagħmel ir-reat, f'liema każ jista' jiġi mġiegħel iħallas lura l-ispejjeż bħala dejn ċivili.

(2Ċ) Jekk f'reat li għalih japplika s-subartikolu (2A) ta' dan l-artikolu min jagħmel ir-reat jarmi żibel, rimi, skart jew likwidu ta' dak id-daqs jew f'dik il-kwantità jew ta' dak il-kumulu, li, meta

tqisu waħdu, ikun biżżejjed biex iwassal biex jikrieħ u/jew jitħassar xi post fil-beraħ jew ta' xi parti mill-baħar mal-kosta, dan jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ta' mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u meta xi vettura jew bastiment ikun intuża fl-egħmil tar-reat jew għall-għan ta' l-egħmil tar-reat id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2A) ta' dan l-artikolu dwar qbid u sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għandhom japplikaw.

(2D) Jekk min jagħmel ir-reat ma jkunx is-sid tal-vettura jew tal-bastiment kif imsemmi fis-subartikolu (2A) jew (2C) ta' dan l-artikolu iżda jkun aġixxa taħt l-istruzzjonijiet jew bit-tagħrif ta' dak is-sid jew meta dak is-sid seta' jevita l-egħmil tar-reat u ma għamilx hekk, is-sid jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena stabbilita fis-subartikoli (2A) u (2C) ta' dan l-artikolu, u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2B) ta' dan l-artikolu jkunu applikabbli għas-sid tal-vettura jew tal-bastiment.

(2E) Jekk ikun jidher miċ-ċirkostanzi li fihom jinstab xi materjal mormi kontra l-liġi, min kien is-sid jew il-persuna l-oħra responsabbli għal dak il-materjal minnufih qabel ir-rimi tiegħu, dak is-sid jew dik il-persuna għandha titqies li tkun iddepożitat dak il-materjal u tista' teħel il-piena stabbilita fis-subartikoli (2A) u (2C) ta' dan l-artikolu u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2B) ta' dan l-artikolu japplikaw għaliha, kemm-il darba ma tippruvax li dak ir-reat ma kenitx taf bih, jew għalkemm kienet taf bih ma setgħatx timpedih milli jsir.

(3) Meta persuna tinsab ħatja ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 130 jew ta' l-artikolu 181 ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa ta' xi wieħed mill-imsemmija artikoli, din teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) iżda mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), u

(*b*) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Meta xi persuna tinsab ħatja ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*g*) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97 jew ta' l-artikolu 295 ta' dan il-Kodiċi, teħel multa ta' mhux inqas minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) iżda mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u barra minn dan penali ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) u mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata mid-data li fiha tinsab ħatja sad-data li fiha dik il-persuna tħares l-imsemmija disposizzjonijiet.

(5) Kull persuna li tinsab ħatja ta' kontravvenzjoni kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 202 ta' dan il-Kodiċi teħel -

(*a*) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66), u

(*b*) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux inqas minn ħdax- il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).

(6) (*a*) Kull persuna li tagħmel reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli mill-205 sal-211 ta' dan il-Kodiċi, jew ta' xi regolamenti magħmula taħt l-artikolu 214 ta' dan il-Kodiċi, teħel, meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar u, meta tinsab ħatja t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(*b*) Meta persuna tinsab ħatja ta' reat kif imsemmi fil-paragrafu (*a*) ta' dan is-subartikolu il-qorti għandha tissospendi l-liċenza relattiva għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar u għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tordna l-konfiska ta' l-ixkubetta, arma tan-nar, munizzjon, arma, jew oġġett ieħor użat fl-egħmil tar-reat.

Kap. 9.

(*ċ*) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx japplikaw meta wieħed jinsab ħati ta' reat kif imsemmi fil-paragrafu (*a*) ta' dan is-subartikolu.

Setgħa tal-qorti li tordna l-qbid ta' vettura jew dgħajsa.

(7) Il-qorti tista' wkoll, fil-każ ta' kontravvenzjoni magħmula minn sid jew drajver ta' vettura, jew minn sid ta' dgħajsa, jew minn barklor, waqt ix-xogħol tiegħu, tordna l-qbid tal-vettura jew tad-dgħajsa, għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar, bi spejjeż tas-sid.

Il-qbid tal-vettura jġib miegħu l-qbid tal-bhima.

(8) Il-qbid tal-vettura jġib miegħu l-qbid tal-bhima li biha, waqt il-kontravvenzjoni, tkun armata l-vettura.

(9) Mingħajr preġudizzju għal kull piena li tista' tkun tapplika taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, min jaġixxi bi ksur ta' l-artikolu 316Ċ jeħel;

(*a*) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); u

(*b*) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

(10) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 36 u 37 tal-Kodiċi Kriminali, minuri li jinqabad jaġixxi bi ksur ta' l-artikolu 316D: Kap. 9.

(*a*) għall-ewwel darba għandu jiġi formalment imwissi minn Membru tal-Korp tal-Pulizija illi kemm-il darba huwa jinqabad, għat-tieni darba jew aktar, jaġixxi bi ksur ta' l-istess artikolu, jittieħdu proċeduri kriminali kontrih;

(*b*) għat-tieni darba jew aktar, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena stabbilita għal kontravenzjoni. Il-Qorti kompetenti tista' tordna li dak il-minuri jipparteċipa fi programm edukattiv li jista' jiġi mgħaqqad ma' *counselling*, jekk u kif ikun meħtieġ, li jingħata minn membru tal-persunal ta' l-aġenzija:

Iżda meta tkun qegħda tordna li jsir dak il-programm u, jew *counselling*, il-qorti kompetenti għandha tqis l-età tal-minuri u għandha, f'kull każ, tiżgura li l-programm ma jkunx kunfliġġenti ma' l-attendenza regolari tal-minuri l-iskola jew f'xi istituzzjoni edukattiva oħra.

(11) B'żjieda ma' kull piena li tista' tiġi imposta mill-Qorti skond is-subartikoli (9) u (10), minuri li jirrifjuta li jagħti, jew inkella jagħti ħażin lil xi membru tal-Korp tal-Pulizija filwaqt li jkun qiegħed iwettaq dmirijietu, l-isem, il-kunjom, l-indirizz jew xi dettalji personali oħra tiegħu li huwa jista' jintalab jagħti, ikun ħati ta' kontravenzjoni.

Setgħa tal-qorti li tħassar jew iżżomm liċenza tan-nies tal-ħwienet, eċċ.

**320.** F'każ ta' reċidiva għall-kontravvenzjonijiet magħmulin min-nies tal-ħwienet, bejjiegħa, jew minn nies oħra li jaħdmu arti, sengħa, jew xogħol ieħor, b'liċenza mogħtija mill-awtorità kompetenti, meta dawn il-kontravvenzjonijiet ikollhom x'jaqsmu max-xogħol ta' l-arti, sengħa jew xogħol ieħor, il-qorti tista' tħassar il-liċenza, jew tordna li l-liċenza tiġi miżmuma għal dak iż-żmien li jidhrilha xieraq.

Setgħa tal-qorti li tordna it-tneħħija ta' l-inkonvenjent, eċċ.
*Emendat:*
*II. 1880.30;*
*X. 1956.5;*
*I. 1959.8;*
*XXXI. 1967.37;*
*III. 1972.3;*
*A.L. 407 ta' l-2007.*

**321.** (1) F'każ ta' kontravvenzjoni, il-qorti, barra milli tagħti l-piena, għandha tordna lill-ħati, meta jkun hemm lok, li jneħħi l-inkonvenjent li bih tkun saret il-kontravvenzjoni, jew, skond iċ-ċirkostanzi, li jesegwixxi l-liġi, fi żmien suffiċjenti mogħti lilu għaldaqshekk kif jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk il-ħati jonqos li jesegwixxi dak l-ordni fiż-żmien hekk lilu mogħti, jeħel piena ta' ammenda ta' mhux iżjed minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) għal kull ġurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi.

Il-qorti tista' tagħti s-setgħa lill-Pulizija biex tneħħi l-inkonvenjent bi spejjeż tal-ħati.

(2) Il-qorti tista' wkoll tordna illi l-inkonvenjent jiġi mneħħi, jew li l-liġi tiġi esegwita, mill-Pulizija, bi spejjeż tal-ħati, illi, f'dak il-każ, jista' jiġi mġiegħel iħallas l-ispiża b'mandat maħruġ mill-istess qorti.

(3) Jekk il-ħati, minħabba mard tal-moħħ jew xi inkapaċità fiżika oħra ma jkunx jista' jidher il-qorti jew ikun barra minn Malta jew ikun mistoħbi u uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur jiċċertifika bil-ġurament li jinħtieġ, li l-inkonvenjent

jitneħħa jew li l-liġi tiġi xort'oħra mwettqa, il-qorti għandha tordna li t-taħrika tiġi notifikata lil xi rappreżentant leġittimu tal-ħati jew lil xi persuna li jkollha l-kustodja tiegħu, jew lil min ikollu t-tmexxija tal-proprjetà tiegħu, jew f'nuqqas ta' xi rappreżentant magħruf, jew persuna kif intqal fuq, lil żewġ jew mart jew bin jew bint il-ħati. F'kull każ bħal dan, wara prova ta' l-inkonvenjent jew ta' nuqqas ta' tħaris tal-liġi, il-qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew, f'każijiet xierqa, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Meta għal xi raġuni n-notifika ta' taħrika kif maħsub fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma tkunx tista' ssir jew meta l-ħati ma jkunx magħruf jew ma tkunx magħrufa l-persuna responsabbli għall-inkonvenjent jew nuqqas ta' tħaris tal-liġi, il-qorti tista' tapplika d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu fuq talba biss ta' uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur li jikkonferma bil-ġurament l-eżistenza ta' l-inkonvenjent jew ta' nuqqas ta' tħaris tal-liġi u ta' l-urġenza illi l-istess jitneħħa jew li l-liġi tiġi esegwita u fuq prova oħra, jekk ikun hemm, li l-qorti jidhrilha xieraq li tinħtieġ.

(5) F'kull każ imsemmi fis-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti għandha, meta jkun hemm lok ta' applikazzjoni ta' xi piena għar-reat, tiddifferixxi l-kawża sakemm il-ħati jkun tajjeb biex jidher għall-kawża, jew ikun ġie lura jew jiġi magħruf u jista' jidher quddiemha.

L-ispiża tat-tneħħija ta' opra għall-prova ta' kontravvenzjoni, tbatiha l-Pulizija jekk il-kontravvenzjoni ma tiġix ippruvata.

(6) Meta, sabiex tiġi ppruvata kontravvenzjoni, il-qorti tordna fuq talba tal-Pulizija, li titneħħa xi opra, kollha kemm hija jew biċċa minnha, u ma jinsabx li hemm la din il-kontravvenzjoni u lanqas kontravvenzjoni oħra mnissla minn fattijiet li, mingħajr it-tneħħija ta' dik l-opra, ma kinux ikunu jistgħu jidhru, u lanqas ebda kontravvenzjoni għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*o*) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 97, l-ispiża li tkun saret kif ukoll kull spiża oħra meħtieġa sabiex dik l-opra terġa' titqiegħed kif kienet qabel, tbatiha l-Pulizija.

Setgħa tal-qorti f'każ ta' kontravvenzjoni għall-ordnijiet ta' l-awtorità sanitarja.

(7) Meta ċitazzjoni hija dwar kontravvenzjoni għal ordni mogħti mill-awtorità sanitarja, minħabba li dan l-ordni ma jkunx ġie esegwit, jew minħabba li jkun ġie esegwit ħażin, il-qorti tista' jekk ikun meħtieġ, fuq talba ta' l-imħarrek, titlob rapport mill-Bord tas-Servizzi Ġenerali, u tista' wkoll teżamina, bil-ġurament lill-membri ta' dan il-Bord, fuq il-mertu ta' dak l-ordni, u fuq l-esekuzzjoni tiegħu; u, f'dak il-każ, jekk il-bord, jew il-maġġoranza tal-membri tiegħu, ikunu jaqblu mal-fehma ta' l-awtorità li tkun tat l-ordni, id-dritt li jmiss lill-membri tal-bord kif ukoll l-ispejjeż li huma jagħmlu, ibatihom l-imħarrek.

Għall-ħlas tal-ħsara jitmexxa biċ-ċivil.

(8) Bla ħsara ta' fejn dan il-Kodiċi jgħid espressament xort'oħra, il-ħlas għad-danni kkaġunati minn kontrav-venzjoni jista' jintalab mill-parti offiża bħala dejn ċivili.

Reat minn għaqda ta' persuni.
*Miżjud:*
*L. 1974.7.*

**322.** Meta xi reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew xi regolamenti jew ordni magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn għaqda jew korp ta' persuni, kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dik l-għaqda jew korp ta' persuni, jew kienet tidher li qed taġixxi

f'xi kariga bħal dik, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.